**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2024/0017(COD)**

5.12.2024

# EMENDI
# 27 - 206

**Abbozz ta' opinjoni**
**Markus Ferber**
(PE765.288v01-00)

L-iskrinjar ta' investimenti barranin fl-Unjoni u t-tħassir tar-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Proposta għal regolament
(COM(2024)0023 – C9-0011/2024 – 2024/0017(COD))



Magħquda fid-diversità

AM_Com_LegOpinion

**Emenda 27**
**Enikő Győri**

**Proposta għal regolament**
**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-iskrinjar ta' investimenti barranin fl-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-iskrinjar ta' investimenti ***diretti*** barranin fl-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) 2019/452 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill |

Or. en

**Emenda 28**
**Enikő Győri**

**Proposta għal regolament**
**Kunsiderazzjoni 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari ***l-Artikoli 114 u*** 207 tiegħu, | Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari ***l-Artikolu*** 207 tiegħu, |

Or. en

**Emenda 29**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) L-investimenti fl-Unjoni jikkontribwixxu għat-tkabbir tagħha billi jtejbu l-kompetittività tagħha, joħolqu l-impjiegi u l-ekonomiji ta' skala, u jġibu kapital, teknoloġiji, ***innovazzjoni*** u | (1) L-investimenti fl-Unjoni jikkontribwixxu għat-tkabbir tagħha billi jtejbu l-kompetittività tagħha, joħolqu l-impjiegi u l-ekonomiji ta' skala, ***ikattru d-dinamiċità intraprenditorjali u joffru*** |

| | |
|---|---|
| għarfien espert. | ***inċentivi għall-innovazzjoni u l-iżvilupp tal-industriji,*** u jġibu kapital, teknoloġiji, innovazzjoni u għarfien espert. |

Or. es

**Emenda 30**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) L-investimenti barranin fl-Unjoni huma sors ewlieni ta' kapital li jkattar riżorsi finanzjarji ġodda, teknoloġiji ġodda, prattiki intraprenditorjali avvanzati u aċċess għal swieq internazzjonali.*** |

Or. es

**Emenda 31**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-Artikolu 3(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jispeċifika li l-Unjoni, fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja, għandha ssostni u tippromwovi l-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-protezzjoni taċ-ċittadini tagħha. Barra minn hekk, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom ambjent ta' investiment miftuħ, li huwa minqux fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u ***li jagħmel parti*** mill-impenji internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. | (2) L-Artikolu 3(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jispeċifika li l-Unjoni, fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja, għandha ssostni u tippromwovi l-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-protezzjoni taċ-ċittadini tagħha. Barra minn hekk, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom ambjent ta' investiment miftuħ, li huwa minqux fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ***u jenħtieġ li jżommu sistema li tilqa' l-investimenti barranin fl-UE bħala*** parti mill-impenji internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. |

Or. es

**Emenda 32**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Madankollu, taħt l-impenji internazzjonali meħuda fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), u l-ftehimiet ta' kummerċ u investiment konklużi ma' pajjiżi terzi, huwa possibbli għall-Unjoni u l-Istati Membri li jirrestrinġu l-investimenti diretti barranin (IDB) għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku*, **soġġetti għal ċerti rekwiżiti.*** | (3) Madankollu, taħt l-impenji internazzjonali meħuda fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), u l-ftehimiet ta' kummerċ u investiment konklużi ma' pajjiżi terzi, huwa possibbli għall-Unjoni u l-Istati Membri li jirrestrinġu l-investimenti diretti barranin (IDB) għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku, ***bil-għan li jiksbu sistema flessibbli u li tibbilanċja l-ftuħ għall-investimenti mal-protezzjoni tal-interessi leġittimi tal-Unjoni***. |

Or. es

**Emenda 33**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Madankollu, huwa meħtieġ strument leġiżlattiv ġdid biex jissaħħu l-effiċjenza u l-effettività tar-Regolament (UE) 2019/452 u jiġi żgurat livell ogħla ta' armonizzazzjoni madwar l-Unjoni. | (6) Madankollu, huwa meħtieġ strument leġiżlattiv ġdid biex jissaħħu l-effiċjenza u l-effettività tar-Regolament (UE) 2019/452 u jiġi żgurat livell ogħla ta' armonizzazzjoni madwar l-Unjoni***, li għandu jkun appoġġat minn analiżi tal-impatt xierqa u dettaljata mwettqa mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju, li tkun tinkludi wkoll analiżi taż-żieda fil-piż amministrattiv għall-kumpaniji.*** |

Or. es

**Emenda 34**
**Enikő Győri**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Ċerti investimenti mhux koperti mir-Regolament (UE) 2019/452 jistgħu joħolqu riskji għas-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni. B'mod partikolari, dan jikkonċerna ċerti investimenti mwettqa fi Stati Membri li ma għandhomx mekkaniżmu ta' skrinjar; investimenti mwettqa fi Stati Membri li għandhom mekkaniżmu ta' skrinjar li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu ma jinkludix ċerti investimenti sensittivi***; u investimenti li jsiru minn investituri barranin permezz ta' sussidjarja stabbilita fl-Unjoni u li potenzjalment jippreżentaw l-istess riskji għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku bħall-investimenti diretti magħmula minn pajjiżi terzi***. | (7) Ċerti investimenti mhux koperti mir-Regolament (UE) 2019/452 jistgħu joħolqu riskji għas-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni. B'mod partikolari, dan jikkonċerna ċerti investimenti mwettqa fi Stati Membri li ma għandhomx mekkaniżmu ta' skrinjar; investimenti mwettqa fi Stati Membri li għandhom mekkaniżmu ta' skrinjar li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu ma jinkludix ċerti investimenti sensittivi. |

Or. en

**Emenda 35**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) L-enfasi ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun fuq approċċ proporzjonat għall-mitigazzjoni tar-riskji, fejn l-imblukkar totali tal-investimenti jenħtieġ li jitqies bħala miżura tal-aħħar istanza.*** |

Or. en



MT

**Emenda 36**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Maġġoranza sinifikanti tal-Istati Membri, iżda mhux kollha, għandhom strument leġiżlattiv fis-seħħ li jipprevedi mekkaniżmu għall-iskrinjar tal-IDB. F'ħafna Stati Membri, il-liġijiet nazzjonali jestendu wkoll għall-iskrinjar tal-investimenti intra-Unjoni. Fost l-Istati Membri, hemm differenzi sostanzjali fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, il-limiti u l-kriterji użati biex jiġi vvalutat jekk investiment huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Hemm ukoll differenzi fil-proċessi ta' skrinjar. F'ċerti Stati Membri, l-investiment jista' jiġi implimentat qabel ma jkun irċieva approvazzjoni fir-rigward tal-impatt fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku. Madankollu, oħrajn jeħtieġu li l-investiment jiġi ffinalizzat biss wara awtorizzazzjoni skont il-mekkaniżmu ta' skrinjar. Diverġenzi bħal dawn joħolqu problema għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. Pereżempju, joħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi u jżidu l-kostijiet tal-konformità għall-investituri li jfittxu li jinnotifikaw tranżazzjonijiet f'aktar minn Stat Membru wieħed. Dan ir-Regolament jgħin fit-tnaqqis tad-diverġenzi dwar l-elementi ewlenin tal-mekkaniżmi implimentati fil-livell nazzjonali. Dan huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà għall-investituri dwar ir-reġimi nazzjonali applikabbli u l-karatteristiċi tagħhom, u b'hekk jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità assoċjati. Dan huwa aktar u aktar rilevanti meta jitqies il-livell ta' integrazzjoni tas-suq intern, li jista' jirriżulta f'tranżazzjoni waħda li jkollha impatt fuq diversi Stati Membri | (8) Maġġoranza sinifikanti tal-Istati Membri, iżda mhux kollha, għandhom strument leġiżlattiv fis-seħħ li jipprevedi mekkaniżmu għall-iskrinjar tal-IDB. F'ħafna Stati Membri, il-liġijiet nazzjonali jestendu wkoll għall-iskrinjar tal-investimenti intra-Unjoni. Fost l-Istati Membri, hemm differenzi sostanzjali fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, il-limiti u l-kriterji użati biex jiġi vvalutat jekk investiment huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Hemm ukoll differenzi fil-proċessi ta' skrinjar. F'ċerti Stati Membri, l-investiment jista' jiġi implimentat qabel ma jkun irċieva approvazzjoni fir-rigward tal-impatt fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku. Madankollu, oħrajn jeħtieġu li l-investiment jiġi ffinalizzat biss wara awtorizzazzjoni skont il-mekkaniżmu ta' skrinjar. Diverġenzi bħal dawn joħolqu problema għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. Pereżempju, joħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi u jżidu l-kostijiet tal-konformità għall-investituri li jfittxu li jinnotifikaw tranżazzjonijiet f'aktar minn Stat Membru wieħed. Dan ir-Regolament jgħin fit-tnaqqis tad-diverġenzi dwar l-elementi ewlenin tal-mekkaniżmi implimentati fil-livell nazzjonali. Dan huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà għall-investituri dwar ir-reġimi nazzjonali applikabbli u l-karatteristiċi tagħhom, u b'hekk jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità assoċjati. Dan huwa aktar u aktar rilevanti meta jitqies il-livell ta' integrazzjoni tas-suq intern, li jista' jirriżulta f'tranżazzjoni waħda li jkollha impatt fuq diversi Stati Membri |

| | |
|---|---|
| madwar l-Unjoni. Pereżempju huwa possibbli li tranżazzjoni mmirata lejn l-akkwist ta' kumpanija fil-mira fi Stat Membru wieħed taffettwa wkoll is-sigurtà u l-ordni pubbliku fi Stat Membru ieħor, minħabba l-istruttura tal-katina tal-provvista jew elementi ekonomiċi oħra li jgħaqqdu l-mira ma' kumpaniji oħra bbażati fi Stati Membri differenti. Sabiex jiġu indirizzati dawn il-problemi tas-suq intern u jiġu żgurati konsistenza u prevedibbiltà akbar, huwa xieraq li l-kriterji u l-elementi li għandhom jintużaw għall-valutazzjoni tal-investimenti barranin jiġu stabbiliti permezz ta' azzjoni tal-Unjoni. | madwar l-Unjoni. Pereżempju huwa possibbli li tranżazzjoni mmirata lejn l-akkwist ta' kumpanija fil-mira fi Stat Membru wieħed taffettwa wkoll is-sigurtà u l-ordni pubbliku fi Stat Membru ieħor, minħabba l-istruttura tal-katina tal-provvista jew elementi ekonomiċi oħra li jgħaqqdu l-mira ma' kumpaniji oħra bbażati fi Stati Membri differenti. Sabiex jiġu indirizzati dawn il-problemi tas-suq intern u jiġu żgurati konsistenza u prevedibbiltà akbar, huwa xieraq li l-kriterji u l-elementi li għandhom jintużaw għall-valutazzjoni tal-investimenti barranin jiġu stabbiliti permezz ta' azzjoni tal-Unjoni. ***Dan ir-Regolament għandu jibbaża l-kriterju tal-probabbiltà fuq theddida reali u serja biżżejjed li taffettwa interess fundamentali tas-soċjetà, u għandha tkun xierqa u meħtieġa, skont ma tistabbilixxi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.*** |

Or. es

**Emenda 37**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Kif imsemmi fil-Gwida tal-Kummissjoni Ewropea lill-Istati Membri dwar l-investiment dirett barrani u l-moviment liberu tal-kapital minn pajjiżi terzi[4a], fil-fażijiet bikrija tal-kriżi tal-COVID-19, l-iskossi ekonomiċi għandhom riskju akbar għall-assi strateġiċi tal-UE, u jistgħu jwasslu għal telf ta' assi kritiċi u tat-teknoloġija. Għalhekk, jenħtieġ li r-rispons f'sitwazzjonijiet ta' kriżi jipprovdi piż u attenzjoni xierqa għat-telf potenzjali ta' assi kritiċi.*** |



MT

[4a] ***https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52020XC0326(03)***

Or. en

**Emenda 38**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-iskrinjar tal-investiment barrani madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jkunu meħtieġa jiskrinjaw l-investimenti barranin għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku. Għalhekk, l-elementi ewlenin tal-mekkaniżmi nazzjonali ta' skrinjar jenħtieġ li jiġu armonizzati. Dik l-armonizzazzjoni minima tinkludi l-kamp ta' applikazzjoni tal-investimenti li għandhom jiġu skrinjati, il-karatteristiċi essenzjali tal-proċedura ta' skrinjar, u l-interazzjoni bejn il-mekkaniżmu nazzjonali u l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' skrinjar nazzjonali tagħhom biex jinkludi tipi oħra ta' investimenti barranin, investimenti barranin f'setturi oħra, entitajiet fil-mira tal-Unjoni jew attivitajiet ekonomiċi addizzjonali li l-Istat Membru rilevanti jqis kritiċi għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tiegħu. Meta jagħmlu dan, tali skrinjar jenħtieġ li jikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. | (9) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-iskrinjar tal-investiment barrani madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jkunu meħtieġa jiskrinjaw l-investimenti barranin għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku. Għalhekk, l-elementi ewlenin tal-mekkaniżmi nazzjonali ta' skrinjar jenħtieġ li jiġu armonizzati. Dik l-armonizzazzjoni minima tinkludi l-kamp ta' applikazzjoni tal-investimenti li għandhom jiġu skrinjati, il-karatteristiċi essenzjali tal-proċedura ta' skrinjar, u l-interazzjoni bejn il-mekkaniżmu nazzjonali u l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' skrinjar nazzjonali tagħhom biex jinkludi tipi oħra ta' investimenti barranin, investimenti barranin f'setturi oħra, entitajiet fil-mira tal-Unjoni jew attivitajiet ekonomiċi addizzjonali li l-Istat Membru rilevanti jqis kritiċi għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tiegħu. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmu li jimmira li kull meta jkun possibbli jikkonsulta jew inkella jinforma lill-awtoritajiet reġjonali kkonċernati bl-iskrinjar ta' investiment barrani.*** Meta jagħmlu dan, tali skrinjar jenħtieġ li jikkonforma wkoll mad- |

dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament.

Or. en

**Emenda 39**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) Bil-għan li tiġi żgurata ġestjoni aktar effiċjenti tal-mekkaniżmi ta’ kontroll tal-Unjoni, meta investitur ikun diġà ġie soġġett għal proċess ta’ kontroll jew ta’ valutazzjoni tal-konformità mal-leġiżlazzjoni ta’ Stat Membru, kwalunkwe talba addizzjonali għal informazzjoni mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru ieħor għandha tkun iġġustifikata kif xieraq biex tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn tal-informazzjoni.*** |

Or. es

**Emenda 40**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) Billi, f’konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, is-sigurtà u l-ordni pubbliku jibqgħu kompetenzi nazzjonali. Jista’ jinkiseb valur miżjud bejn l-Istati Membri permezz tal-koordinazzjoni, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u informazzjoni rilevanti flimkien mal-Kummissjoni. Jenħtieġ li dan isir f’livell supranazzjonali, speċjalment għal investimenti li jsiru f’diversi Stati Membri.*** |

Or. en

**Emenda 41**
**Enikő Győri**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(10) Ir-Regolament (UE) 2019/452 ikopri biss IDB magħmula minn pajjiżi terzi fl-Unjoni. Madankollu, huwa meħtieġ ukoll li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għall-investimenti li jsiru bejn l-Istati Membri, fejn l-investitur fi Stat Membru wieħed ikun ikkontrollat, direttament jew indirettament, minn entità barranija irrispettivament minn jekk is-sid aħħari jkunx jinsab fl-Unjoni jew xi mkien ieħor. B'mod partikolari, dan il-kamp ta' applikazzjoni estiż huwa xieraq biex jiġi żgurat li kwalunkwe investiment li joħloq rabta dejjiema bejn l-investitur barrani u l-entità fil-mira tal-Unjoni, kemm jekk jitwettaq direttament minn investitur barrani kif ukoll jekk permezz ta' entità stabbilita fl-Unjoni u kkontrollata minn investitur barrani, jinqabad u jiġi vvalutat b'mod konsistenti. Dan jenħtieġ li jrawwem il-konsistenza u l-prevedibbiltà tar-regoli tal-iskrinjar fl-Istati Membri kollha, li min-naħa tagħhom se jnaqqsu l-kostijiet tal-konformità għall-investituri barranin u jillimitaw l-inċentivi biex jiġi mmirat investiment fi Stati Membri fejn tali tranżazzjonijiet huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 42**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Ir-Regolament (UE) 2019/452 ikopri biss IDB magħmula minn pajjiżi terzi fl-Unjoni. ***Madankollu,*** huwa ***meħtieġ ukoll li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għall-investimenti*** li jsiru ***bejn l-Istati Membri,*** fejn ***l-investitur fi Stat Membru wieħed ikun ikkontrollat, direttament jew indirettament, minn entità barranija irrispettivament minn jekk*** is-sid aħħari ***jkunx jinsab fl-Unjoni jew xi mkien ieħor***. B'mod partikolari, ***dan il-kamp ta' applikazzjoni estiż huwa xieraq biex jiġi żgurat li kwalunkwe investiment li joħloq rabta dejjiema bejn l-investitur barrani u l-entità fil-mira tal-Unjoni, kemm jekk jitwettaq direttament minn investitur barrani kif ukoll jekk permezz ta' entità stabbilita fl-Unjoni u kkontrollata minn investitur barrani, jinqabad u jiġi vvalutat b'mod konsistenti. Dan jenħtieġ li jrawwem il-konsistenza u l-prevedibbiltà tar-regoli tal-iskrinjar fl-Istati Membri kollha, li min-naħa tagħhom se jnaqqsu l-kostijiet tal-konformità għall-investituri*** barranin ***u jillimitaw l-inċentivi biex jiġi mmirat investiment fi Stati Membri fejn tali tranżazzjonijiet huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni.*** | (10) Ir-Regolament (UE) 2019/452 ikopri biss IDB magħmula minn pajjiżi terzi fl-Unjoni. ***Fuq din il-bażi,*** huwa ***possibbli li ssir distinzjoni bejn l-investimenti*** li jsiru ***fl-UE*** fejn ***l-entità tal-UE tkun ikkontrollata minn sid aħħari bbażat f'pajjiż terz u l-operazzjonijiet li fihom*** is-sid aħħari ***mhuwiex ibbażat f'pajjiż terz***. B'mod partikolari, ***il-valutazzjoni tar-riskju jenħtieġ li tqis jekk is-sid aħħari għandux is-setgħa jiddeċiedi dwar l-investiment. Barra minn hekk tali valutazzjoni jenħtieġ li żżomm biżżejjed flessibbiltà biex tagħmilha possibbli li jitqiesu l-karattru speċifiku u l-istruttura tal-investimenti fl-UE mwettqa minn investituri*** barranin. |

Or. es

**Emenda 43**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Ir-Regolament (UE) 2019/452 | (10) Ir-Regolament (UE) 2019/452 |

| | |
|---|---|
| ikopri biss IDB magħmula minn pajjiżi terzi fl-Unjoni. Madankollu, huwa meħtieġ ukoll li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għall-investimenti li jsiru bejn l-Istati Membri, fejn l-investitur fi Stat Membru wieħed ikun ikkontrollat, direttament jew indirettament, minn entità barranija irrispettivament minn jekk is-sid aħħari jkunx jinsab fl-Unjoni jew xi mkien ieħor. B'mod partikolari, dan il-kamp ta' applikazzjoni estiż huwa xieraq biex jiġi żgurat li kwalunkwe investiment li joħloq rabta ***dejjiema*** bejn l-investitur barrani u l-entità fil-mira tal-Unjoni, kemm jekk jitwettaq direttament minn investitur barrani kif ukoll jekk permezz ta' entità stabbilita fl-Unjoni u kkontrollata minn investitur barrani, jinqabad u jiġi vvalutat b'mod konsistenti. Dan jenħtieġ li jrawwem il-konsistenza u l-prevedibbiltà tar-regoli tal-iskrinjar fl-Istati Membri kollha, li min-naħa tagħhom se jnaqqsu l-kostijiet tal-konformità għall-investituri barranin u jillimitaw l-inċentivi biex jiġi mmirat investiment fi Stati Membri fejn tali tranżazzjonijiet huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni. | ikopri biss IDB magħmula minn pajjiżi terzi fl-Unjoni. Madankollu, huwa meħtieġ ukoll li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għall-investimenti li jsiru bejn l-Istati Membri, fejn l-investitur fi Stat Membru wieħed ikun ikkontrollat, direttament jew indirettament, minn entità barranija irrispettivament minn jekk is-sid aħħari jkunx jinsab fl-Unjoni jew xi mkien ieħor. B'mod partikolari, dan il-kamp ta' applikazzjoni estiż huwa xieraq biex jiġi żgurat li kwalunkwe investiment li joħloq rabta bejn l-investitur barrani u l-entità fil-mira tal-Unjoni, kemm jekk jitwettaq direttament minn investitur barrani kif ukoll jekk permezz ta' entità stabbilita fl-Unjoni u kkontrollata minn investitur barrani, jinqabad u jiġi vvalutat b'mod konsistenti. Dan jenħtieġ li jrawwem il-konsistenza u l-prevedibbiltà tar-regoli tal-iskrinjar fl-Istati Membri kollha, li min-naħa tagħhom se jnaqqsu l-kostijiet tal-konformità għall-investituri barranin u jillimitaw l-inċentivi biex jiġi mmirat investiment fi Stati Membri fejn tali tranżazzjonijiet huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni. |

Or. en

**Emenda 44**
**Enikő Győri**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) L-investimenti fl-entitajiet fil-mira tal-Unjoni mwettqa minn investituri barranin***, inklużi investimenti eżegwiti permezz ta' entità kkontrollata fl-Unjoni***, jistgħu jippreżentaw riskji speċifiċi għas-sigurtà u l-ordni pubbliku fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha. Tali riskji relatati mal-investitur jenħtieġ li ma jkunux | (11) L-investimenti fl-entitajiet fil-mira tal-Unjoni mwettqa minn investituri barranin jistgħu jippreżentaw riskji speċifiċi għas-sigurtà u l-ordni pubbliku fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha. Tali riskji relatati mal-investitur jenħtieġ li ma jkunux preżenti u għalhekk ma għandhomx għalfejn jiġu indirizzati f'investiment li |

preżenti u għalhekk ma għandhomx għalfejn jiġu indirizzati f'investiment li jinvolvi biss entitajiet fejn ma jkun hemm l-ebda sjieda, kontroll, konnessjoni ma' jew influwenza minn investituri barranin***, inkluż meta investitur barrani jipparteċipa fl-entità tal-Unjoni mingħajr sehem ta' kontroll***. L-evitar ta' kwalunkwe diverġenza fir-regoli applikabbli għat-trattament ta' investimenti barranin***, irrispettivament minn jekk dawn isirux minn barra l-Unjoni direttament jew permezz ta' entità diġà stabbilita fl-Unjoni,*** huwa meħtieġ biex jiġi żgurat qafas koerenti ta' skrinjar tal-investiment u l-mekkaniżmu ta' kontroll tal-Unjoni. Dan il-qafas jirrifletti l-importanza tal-protezzjoni tas-sigurtà u l-ordni pubbliku u huwa esklussivament immirat lejn riskji li jistgħu jirriżultaw minn investimenti li jinvolvu entitajiet barranin. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw mill-inqas l-iskrinjar ta' dawk l-investimenti barranin, li jkunu relatati ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni jew fejn l-entità fil-mira tal-Unjoni tkun attiva f'oqsma, fejn investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jiskrinjaw investimenti barranin oħra. Meta jagħmlu dan, tali skrinjar jenħtieġ li jikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Tranżazzjonijiet bl-ebda involviment ta' investitur barrani ***jew li fihom il-livell ta' involviment ma jwassalx għall-kontroll dirett jew indirett tal-entità tal-Unjoni*** mhumiex koperti minn dan ir-Regolament.

jinvolvi biss entitajiet fejn ma jkun hemm l-ebda sjieda, kontroll, konnessjoni ma' jew influwenza minn investituri barranin. L-evitar ta' kwalunkwe diverġenza fir-regoli applikabbli għat-trattament ta' investimenti ***diretti*** barranin huwa meħtieġ biex jiġi żgurat qafas koerenti ta' skrinjar tal-investiment u l-mekkaniżmu ta' kontroll tal-Unjoni. Dan il-qafas jirrifletti l-importanza tal-protezzjoni tas-sigurtà u l-ordni pubbliku u huwa esklussivament immirat lejn riskji li jistgħu jirriżultaw minn investimenti li jinvolvu entitajiet barranin. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw mill-inqas l-iskrinjar ta' dawk l-investimenti ***diretti*** barranin, li jkunu relatati ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni jew fejn l-entità fil-mira tal-Unjoni tkun attiva f'oqsma, fejn investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jiskrinjaw investimenti ***diretti*** barranin oħra. Meta jagħmlu dan, tali skrinjar jenħtieġ li jikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Tranżazzjonijiet bl-ebda involviment ta' investitur ***dirett*** barrani mhumiex koperti minn dan ir-Regolament.

Or. en

**Emenda 45**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) L-investimenti fl-entitajiet fil-mira tal-Unjoni mwettqa minn investituri barranin, inklużi investimenti eżegwiti permezz ta’ entità kkontrollata fl-Unjoni, jistgħu jippreżentaw riskji speċifiċi għas-sigurtà u l-ordni pubbliku fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha. Tali riskji relatati mal-investitur jenħtieġ li ma jkunux preżenti u għalhekk ma għandhomx għalfejn jiġu indirizzati f’investiment li jinvolvi biss entitajiet fejn ma jkun hemm l-ebda sjieda, kontroll, konnessjoni ma’ jew influwenza minn investituri barranin, inkluż meta investitur barrani jipparteċipa fl-entità tal-Unjoni mingħajr sehem ta’ kontroll. L-evitar ta’ kwalunkwe diverġenza fir-regoli applikabbli għat-trattament ta’ investimenti barranin, irrispettivament minn jekk dawn isirux minn barra l-Unjoni direttament jew permezz ta’ entità diġà stabbilita fl-Unjoni, huwa meħtieġ biex jiġi żgurat qafas koerenti ta’ skrinjar tal-investiment u l-mekkaniżmu ta’ kontroll tal-Unjoni. Dan il-qafas jirrifletti l-importanza tal-protezzjoni tas-sigurtà u l-ordni pubbliku u huwa esklussivament immirat lejn riskji li jistgħu jirriżultaw minn investimenti li jinvolvu entitajiet barranin. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw mill-inqas l-iskrinjar ta’ dawk l-investimenti barranin, li jkunu relatati ma’ proġetti jew programmi ta’ interess għall-Unjoni ***jew*** fejn l-entità fil-mira tal-Unjoni tkun attiva f’oqsma, fejn investiment barrani jista’ jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku f’aktar minn Stat Membru wieħed. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jiskrinjaw investimenti barranin oħra. Meta jagħmlu dan, tali skrinjar jenħtieġ li jikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament. Tranżazzjonijiet bl-ebda involviment ta’ investitur barrani jew li fihom il-livell ta’ involviment ma jwassalx għall-kontroll dirett jew indirett tal-entità tal-Unjoni mhumiex koperti minn | (11) L-investimenti fl-entitajiet fil-mira tal-Unjoni mwettqa minn investituri barranin, inklużi investimenti eżegwiti permezz ta’ entità kkontrollata fl-Unjoni, jistgħu jippreżentaw riskji speċifiċi għas-sigurtà u l-ordni pubbliku fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha. Tali riskji relatati mal-investitur jenħtieġ li ma jkunux preżenti u għalhekk ma għandhomx għalfejn jiġu indirizzati f’investiment li jinvolvi biss entitajiet fejn ma jkun hemm l-ebda sjieda, kontroll, konnessjoni ma’ jew influwenza minn investituri barranin, inkluż meta investitur barrani jipparteċipa fl-entità tal-Unjoni mingħajr sehem ta’ kontroll. L-evitar ta’ kwalunkwe diverġenza fir-regoli applikabbli għat-trattament ta’ investimenti barranin, irrispettivament minn jekk dawn isirux minn barra l-Unjoni direttament jew permezz ta’ entità diġà stabbilita fl-Unjoni, huwa meħtieġ biex jiġi żgurat qafas koerenti ta’ skrinjar tal-investiment u l-mekkaniżmu ta’ kontroll tal-Unjoni. Dan il-qafas jirrifletti l-importanza tal-protezzjoni tas-sigurtà u l-ordni pubbliku u huwa esklussivament immirat lejn riskji li jistgħu jirriżultaw minn investimenti li jinvolvu entitajiet barranin. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw mill-inqas l-iskrinjar ta’ dawk l-investimenti barranin, li jkunu relatati ma’ proġetti jew programmi ta’ interess għall-Unjoni***,*** fejn l-entità fil-mira tal-Unjoni tkun attiva f’oqsma, fejn investiment barrani jista’ jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku f’aktar minn Stat Membru wieħed***, jew fejn it-tranżazzjoni tinvolvi investitur barrani marbut jew ma’ pajjiż identifikat fil-lista ta’ ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta’ taxxa jew ma’ pajjiż sanzjonat***. L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jiskrinjaw investimenti barranin oħra. Meta jagħmlu dan, tali skrinjar jenħtieġ li jikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament. |

| | |
|---|---|
| dan ir-Regolament. | Tranżazzjonijiet bl-ebda involviment ta' investitur barrani jew li fihom il-livell ta' involviment ma jwassalx għall-kontroll dirett jew indirett tal-entità tal-Unjoni mhumiex koperti minn dan ir-Regolament. |

Or. en

**Emenda 46**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) L-investimenti fl-entitajiet fil-mira tal-Unjoni mwettqa minn investituri barranin, inklużi investimenti eżegwiti permezz ta' entità kkontrollata fl-Unjoni, jistgħu jippreżentaw riskji speċifiċi għas-sigurtà u l-ordni pubbliku fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha. Tali riskji relatati mal-investitur jenħtieġ li ma jkunux preżenti u għalhekk ma għandhomx għalfejn jiġu indirizzati f'investiment li jinvolvi biss entitajiet fejn ma jkun hemm l-ebda sjieda, kontroll, konnessjoni ma' jew influwenza minn investituri barranin, inkluż meta investitur barrani jipparteċipa fl-entità tal-Unjoni mingħajr sehem ta' kontroll. L-evitar ta' kwalunkwe diverġenza fir-regoli applikabbli għat-trattament ta' investimenti barranin, irrispettivament minn jekk dawn isirux minn barra l-Unjoni direttament jew permezz ta' entità diġà stabbilita fl-Unjoni, huwa meħtieġ biex jiġi żgurat qafas koerenti ta' skrinjar tal-investiment u l-mekkaniżmu ta' kontroll tal-Unjoni. Dan il-qafas jirrifletti l-importanza tal-protezzjoni tas-sigurtà u l-ordni pubbliku u huwa esklussivament immirat lejn riskji li jistgħu jirriżultaw minn investimenti li jinvolvu entitajiet barranin. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ***mill-inqas*** l-iskrinjar ta' dawk l-investimenti | (11) L-investimenti fl-entitajiet fil-mira tal-Unjoni mwettqa minn investituri barranin, inklużi investimenti eżegwiti permezz ta' entità kkontrollata fl-Unjoni, jistgħu jippreżentaw riskji speċifiċi għas-sigurtà u l-ordni pubbliku fl-Unjoni u fl-Istati Membri tagħha. Tali riskji relatati mal-investitur jenħtieġ li ma jkunux preżenti u għalhekk ma għandhomx għalfejn jiġu indirizzati f'investiment li jinvolvi biss entitajiet fejn ma jkun hemm l-ebda sjieda, kontroll, konnessjoni ma' jew influwenza minn investituri barranin, inkluż meta investitur barrani jipparteċipa fl-entità tal-Unjoni mingħajr sehem ta' kontroll. L-evitar ta' kwalunkwe diverġenza fir-regoli applikabbli għat-trattament ta' investimenti barranin, irrispettivament minn jekk dawn isirux minn barra l-Unjoni direttament jew permezz ta' entità diġà stabbilita fl-Unjoni, huwa meħtieġ biex jiġi żgurat qafas koerenti ta' skrinjar tal-investiment u l-mekkaniżmu ta' kontroll tal-Unjoni. Dan il-qafas jirrifletti l-importanza tal-protezzjoni tas-sigurtà u l-ordni pubbliku u huwa esklussivament immirat lejn riskji li jistgħu jirriżultaw minn investimenti li jinvolvu entitajiet barranin. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw l-iskrinjar ta' dawk l-investimenti barranin, |

| | |
|---|---|
| barranin, li jkunu relatati ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni jew fejn l-entità fil-mira tal-Unjoni tkun attiva f'oqsma, fejn investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed. ***L-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jiskrinjaw investimenti barranin oħra. Meta jagħmlu dan, tali skrinjar jenħtieġ li jikkonforma wkoll mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.*** Tranżazzjonijiet bl-ebda involviment ta' investitur barrani jew li fihom il-livell ta' involviment ma jwassalx għall-kontroll dirett jew indirett tal-entità tal-Unjoni mhumiex koperti minn dan ir-Regolament. | li jkunu relatati ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni jew fejn l-entità fil-mira tal-Unjoni tkun attiva f'oqsma, fejn investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed. Tranżazzjonijiet bl-ebda involviment ta' investitur barrani jew li fihom il-livell ta' involviment ma jwassalx għall-kontroll dirett jew indirett tal-entità tal-Unjoni mhumiex koperti minn dan ir-Regolament. |

Or. es

**Emenda 47**
**Enikő Győri**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) L-iskrinjar tal-investimenti barranin jenħtieġ li jitwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament, filwaqt li titqies l-informazzjoni fattwali kollha disponibbli u b'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u prinċipji oħra minquxa fit-Trattati***. Barra minn hekk, l-iskrinjar tal-investimenti barranin li jitwettqu permezz ta' sussidjarji tal-investitur barrani stabbilit fl-Unjoni jenħtieġ li fil-każijiet kollha jikkonforma mar-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà tal-istabbiliment u l-moviment liberu tal-kapital, kif interpretati fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod konsistenti mal-objettiv li jiġi ppreservat suq intern miftuħ u inklużiv***. Kwalunkwe restrizzjoni għal-libertà tal-istabbiliment u | (12) L-iskrinjar tal-investimenti ***diretti*** barranin jenħtieġ li jitwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament, filwaqt li titqies l-informazzjoni fattwali kollha disponibbli u b'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u prinċipji oħra minquxa fit-Trattati. Kwalunkwe restrizzjoni għal-libertà tal-istabbiliment u l-moviment liberu tal-kapital fl-Unjoni, inklużi l-iskrinjar u l-miżuri li jirriżultaw mill-iskrinjar, bħal miżuri ta' mitigazzjoni u projbizzjonijiet, jenħtieġ li jkunu bbażati fuq theddida ġenwina u serja biżżejjed għal interess fundamentali tas-soċjetà, u jenħtieġ li jkunu xierqa u meħtieġa kif stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dan jenħtieġ li jsir b'kont meħud tal-integrazzjoni tal-iskemi tal-Istati Membri f'mekkaniżmu ta' kooperazzjoni |

| | |
|---|---|
| l-moviment liberu tal-kapital fl-Unjoni, inklużi l-iskrinjar u l-miżuri li jirriżultaw mill-iskrinjar, bħal miżuri ta' mitigazzjoni u projbizzjonijiet, jenħtieġ li jkunu bbażati fuq theddida ġenwina u serja biżżejjed għal interess fundamentali tas-soċjetà, u jenħtieġ li jkunu xierqa u meħtieġa kif stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. ***Fl-istess ħin, meta jiġu vvalutati l-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità ta' restrizzjoni, l-ispeċifiċitajiet tal-investimenti fl-Unjoni operati permezz ta' sussidjarja ta' investitur barrani jistgħu jitqiesu meta tiġi vvalutata kwalunkwe restrizzjoni fuq il-libertà tal-istabbiliment jew fuq il-moviment liberu tal-kapital, inkluż fejn xieraq fi kwalunkwe opinjoni tal-Kummissjoni adottata skont dan ir-Regolament.*** Dan jenħtieġ li jsir b'kont meħud tal-integrazzjoni tal-iskemi tal-Istati Membri f'mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għall-Unjoni kollha. | għall-Unjoni kollha. |

Or. en

**Emenda 48**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) L-iskrinjar tal-investimenti barranin jenħtieġ li jitwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament, filwaqt li titqies l-informazzjoni fattwali kollha disponibbli u b'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u prinċipji oħra minquxa fit-Trattati. Barra minn hekk, l-iskrinjar tal-investimenti barranin li jitwettqu permezz ta' sussidjarji tal-investitur barrani stabbilit fl-Unjoni jenħtieġ li fil-każijiet kollha jikkonforma mar-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il- | (12) L-iskrinjar tal-investimenti barranin jenħtieġ li jitwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament, filwaqt li titqies l-informazzjoni fattwali kollha disponibbli u b'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u prinċipji oħra minquxa fit-Trattati. Barra minn hekk, l-iskrinjar tal-investimenti barranin li jitwettqu permezz ta' sussidjarji tal-investitur barrani stabbilit fl-Unjoni jenħtieġ li fil-każijiet kollha jikkonforma mar-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il- |

| | |
|---|---|
| libertà tal-istabbiliment u l-moviment liberu tal-kapital, kif interpretati fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod konsistenti mal-objettiv li jiġi ppreservat suq intern miftuħ u inkluživ. Kwalunkwe restrizzjoni għal-libertà tal-istabbiliment u l-moviment liberu tal-kapital fl-Unjoni, inklużi l-iskrinjar u l-miżuri li jirriżultaw mill-iskrinjar, bħal miżuri ta' mitigazzjoni u projbizzjonijiet, jenħtieġ li jkunu ***bbażati fuq*** theddida ġenwina u serja biżżejjed għal interess fundamentali tas-soċjetà, u jenħtieġ li jkunu xierqa u meħtieġa kif stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-istess ħin, meta jiġu vvalutati l-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità ta' restrizzjoni, l-ispeċifiċitajiet tal-investimenti fl-Unjoni operati permezz ta' sussidjarja ta' investitur barrani jistgħu jitqiesu meta tiġi vvalutata kwalunkwe restrizzjoni fuq il-libertà tal-istabbiliment jew fuq il-moviment liberu tal-kapital, inkluż fejn xieraq fi kwalunkwe opinjoni tal-Kummissjoni adottata skont dan ir-Regolament. Dan jenħtieġ li jsir b'kont meħud tal-integrazzjoni tal-iskemi tal-Istati Membri f'mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għall-Unjoni kollha. | libertà tal-istabbiliment u l-moviment liberu tal-kapital, kif interpretati fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod konsistenti mal-objettiv li jiġi ppreservat suq intern miftuħ u inkluživ. Kwalunkwe restrizzjoni għal-libertà tal-istabbiliment u l-moviment liberu tal-kapital fl-Unjoni, inklużi l-iskrinjar u l-miżuri li jirriżultaw mill-iskrinjar, bħal miżuri ta' mitigazzjoni u projbizzjonijiet, jenħtieġ li ***jkunu ġġustifikati kif xieraq abbażi ta'*** theddida ġenwina u serja biżżejjed għal interess fundamentali tas-soċjetà, u jenħtieġ li jkunu xierqa u meħtieġa kif stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-istess ħin, meta jiġu vvalutati l-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità ta' restrizzjoni, l-ispeċifiċitajiet tal-investimenti fl-Unjoni operati permezz ta' sussidjarja ta' investitur barrani jistgħu jitqiesu meta tiġi vvalutata kwalunkwe restrizzjoni fuq il-libertà tal-istabbiliment jew fuq il-moviment liberu tal-kapital, inkluż fejn xieraq fi kwalunkwe opinjoni tal-Kummissjoni adottata skont dan ir-Regolament. Dan jenħtieġ li jsir b'kont meħud tal-integrazzjoni tal-iskemi tal-Istati Membri f'mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għall-Unjoni kollha. |

Or. es

**Emenda 49**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) L-investimenti barranin li joħolqu jew iżommu rabtiet ***dejjiema u*** diretti bejn investituri minn pajjiżi terzi (inklużi korpi statali) u l-entitajiet fil-mira tal-Unjoni li jwettqu attività ekonomika fi Stat Membru jenħtieġ li jaqgħu fil-kamp ta' | (16) L-investimenti barranin li joħolqu jew iżommu rabtiet diretti bejn investituri minn pajjiżi terzi (inklużi korpi statali) u l-entitajiet fil-mira tal-Unjoni li jwettqu attività ekonomika fi Stat Membru jenħtieġ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan |

| | |
|---|---|
| applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan jenħtieġ li japplika meta dawk l-investimenti jitwettqu direttament minn pajjiżi terzi jew minn entità tal-Unjoni b'kontroll barrani. Madankollu, il-qafas jenħtieġ li ma jkoprix l-akkwist ta' titoli ta' kumpanija maħsuba purament għall-investiment finanzjarju ***mingħajr l-intenzjoni li jinfluwenza l-ġestjoni*** u ***l-kontroll*** tal-impriża (investimenti tal-portafoll). L-operazzjonijiet ta' ristrutturar fi ħdan grupp ta' kumpaniji jew fużjoni ta' aktar minn entità ġuridika waħda f'entità ġuridika waħda ma jikkostitwixxux investiment barrani, dment li ma jkun hemm l-ebda żieda fl-ishma miżmuma minn investituri barranin, jew it-tranżazzjoni ma tirriżultax fi drittijiet addizzjonali li jistgħu jwasslu għal bidla fil-parteċipazzjoni effettiva ta' investitur barrani wieħed jew aktar fil-ġestjoni jew fil-kontroll ta' entità fil-mira tal-Unjoni. | ir-Regolament. Dan jenħtieġ li japplika meta dawk l-investimenti jitwettqu direttament minn pajjiżi terzi jew minn entità tal-Unjoni b'kontroll barrani***, inklużi s-sitwazzjonijiet kollha li fihom il-kontroll jiġi akkwistat kif stabbilit fir-Regolament dwar l-Għaqdiet***. Madankollu, il-qafas jenħtieġ li ma jkoprix l-akkwist ta' titoli ta' kumpanija maħsuba purament għall-investiment finanzjarju ***fejn ma hemm l-ebda influwenza tal-ġestjoni*** u ***tal-kontroll*** tal-impriża (investimenti tal-portafoll). L-operazzjonijiet ta' ristrutturar fi ħdan grupp ta' kumpaniji jew fużjoni ta' aktar minn entità ġuridika waħda f'entità ġuridika waħda ma jikkostitwixxux investiment barrani, dment li ma jkun hemm l-ebda żieda fl-ishma miżmuma minn investituri barranin, jew it-tranżazzjoni ma tirriżultax fi drittijiet addizzjonali li jistgħu jwasslu għal bidla fil-parteċipazzjoni effettiva ta' investitur barrani wieħed jew aktar fil-ġestjoni jew fil-kontroll ta' entità fil-mira tal-Unjoni. |

Or. en

**Emenda 50**
**Enikő Győri**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) L-investimenti barranin li joħolqu jew iżommu rabtiet dejjiema u diretti bejn investituri minn pajjiżi terzi (inklużi korpi statali) u l-entitajiet fil-mira tal-Unjoni li jwettqu attività ekonomika fi Stat Membru jenħtieġ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan jenħtieġ li japplika meta dawk l-investimenti jitwettqu direttament minn pajjiżi terzi ***jew minn entità tal-Unjoni b'kontroll barrani***. Madankollu, il-qafas jenħtieġ li ma jkoprix l-akkwist ta' titoli ta' | (16) L-investimenti barranin li joħolqu jew iżommu rabtiet dejjiema u diretti bejn investituri minn pajjiżi terzi (inklużi korpi statali) u l-entitajiet fil-mira tal-Unjoni li jwettqu attività ekonomika fi Stat Membru jenħtieġ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan jenħtieġ li japplika meta dawk l-investimenti jitwettqu direttament minn pajjiżi terzi. Madankollu, il-qafas jenħtieġ li ma jkoprix l-akkwist ta' titoli ta' kumpanija maħsuba purament għall- |

| | |
|---|---|
| kumpanija maħsuba purament għall-investiment finanzjarju mingħajr l-intenzjoni li jinfluwenza l-ġestjoni u l-kontroll tal-impriża (investimenti tal-portafoll). L-operazzjonijiet ta' ristrutturar fi ħdan grupp ta' kumpaniji jew fużjoni ta' aktar minn entità ġuridika waħda f'entità ġuridika waħda ma jikkostitwixxux investiment barrani, dment li ma jkun hemm l-ebda żieda fl-ishma miżmuma minn investituri barranin, jew it-tranżazzjoni ma tirriżultax fi drittijiet addizzjonali li jistgħu jwasslu għal bidla fil-parteċipazzjoni effettiva ta' investitur barrani wieħed jew aktar fil-ġestjoni jew fil-kontroll ta' entità fil-mira tal-Unjoni. | investiment finanzjarju mingħajr l-intenzjoni li jinfluwenza l-ġestjoni u l-kontroll tal-impriża (investimenti tal-portafoll). L-operazzjonijiet ta' ristrutturar fi ħdan grupp ta' kumpaniji jew fużjoni ta' aktar minn entità ġuridika waħda f'entità ġuridika waħda ma jikkostitwixxux investiment barrani, dment li ma jkun hemm l-ebda żieda fl-ishma miżmuma minn investituri barranin, jew it-tranżazzjoni ma tirriżultax fi drittijiet addizzjonali li jistgħu jwasslu għal bidla fil-parteċipazzjoni effettiva ta' investitur barrani wieħed jew aktar fil-ġestjoni jew fil-kontroll ta' entità fil-mira tal-Unjoni. |

Or. en

**Emenda 51**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Billi dan ir-Regolament għandu konsegwenzi estensivi fuq in-negozji Ewropej, jenħtieġ li ċ-ċertezza legali għall-investimenti tkun dejjem prijorità. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni retroattiva lill-Istati Membri biex jiskrinjaw investimenti kif deskritt fl-Artikolu 9 tinżamm għal minimu possibbli minħabba t-tfixkil potenzjali tagħhom taċ-ċertezza legali għal dawn l-investimenti.*** |

Or. en

**Emenda 52**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**

**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Investimenti barranin f'żoni ġodda jseħħu meta l-investitur barrani jew is-sussidjarju ta' investitur barrani fl-Unjoni jistabbilixxi faċilitajiet ġodda jew impriża ġdida fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-investimenti barranin f'żoni ġodda jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sal-punt ***li jitqiesu rilevanti minn Stat Membru għall-fini tal-iskrinjar tal-investimenti barranin minħabba*** li joħolqu rabtiet dejjiema u diretti bejn investitur barrani u tali faċilitajiet jew tali impriżi. Barra minn hekk, bl-istabbiliment ta' faċilitajiet ġodda, investitur barrani jista' jkollu impatt fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku, inkluż meta dak ir-riskju jikkonċerna inputs ekonomiċi essenzjali. ***Għalhekk,*** l-Istati Membri ***huma mħeġġa*** jinkludu investimenti barranin ġodda fil-kamp ta' applikazzjoni tat-tranżazzjonijiet koperti mill-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom, b'mod partikolari meta tali investimenti jseħħu f'setturi rilevanti għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tagħhom jew meta jippreżentaw karatteristiċi bħad-daqs jew in-natura essenzjali li għandhom ikunu rilevanti għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tagħhom. | (17) Investimenti barranin f'żoni ġodda jseħħu meta l-investitur barrani jew is-sussidjarju ta' investitur barrani fl-Unjoni jistabbilixxi faċilitajiet ġodda jew impriża ġdida fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-investimenti barranin f'żoni ġodda jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sal-punt li joħolqu rabtiet dejjiema u diretti bejn investitur barrani u tali faċilitajiet jew tali impriżi. Barra minn hekk, bl-istabbiliment ta' faċilitajiet ġodda, investitur barrani jista' jkollu impatt fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku, inkluż meta dak ir-riskju jikkonċerna inputs ekonomiċi essenzjali. L-Istati Membri ***jenħtieġ li jkunu meħtieġa*** jinkludu investimenti barranin ġodda fil-kamp ta' applikazzjoni tat-tranżazzjonijiet koperti mill-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom, b'mod partikolari meta tali investimenti jseħħu f'setturi rilevanti għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tagħhom jew meta jippreżentaw karatteristiċi bħad-daqs jew in-natura essenzjali li għandhom ikunu rilevanti għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tagħhom. |

Or. en

**Emenda 53**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Investimenti barranin f'żoni ġodda jseħħu meta l-investitur barrani jew is-sussidjarju ta' investitur barrani fl-Unjoni jistabbilixxi faċilitajiet ġodda jew impriża | (17) Investimenti barranin f'żoni ġodda jseħħu meta l-investitur barrani jew is-sussidjarju ta' investitur barrani fl-Unjoni jistabbilixxi faċilitajiet ġodda jew impriża |

| | |
|---|---|
| ġdida fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-investimenti barranin f'żoni ġodda jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sal-punt li jitqiesu rilevanti minn Stat Membru għall-fini tal-iskrinjar tal-investimenti barranin minħabba li joħolqu rabtiet ***dejjiema u*** diretti bejn investitur barrani u tali faċilitajiet jew tali impriżi. Barra minn hekk, bl-istabbiliment ta' faċilitajiet ġodda, investitur barrani jista' jkollu impatt fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku, inkluż meta dak ir-riskju jikkonċerna inputs ekonomiċi essenzjali. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu investimenti barranin ġodda fil-kamp ta' applikazzjoni tat-tranżazzjonijiet koperti mill-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom, b'mod partikolari meta tali investimenti jseħħu f'setturi rilevanti għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tagħhom jew meta jippreżentaw karatteristiċi bħad-daqs jew in-natura essenzjali li għandhom ikunu rilevanti għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tagħhom. | ġdida fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-investimenti barranin f'żoni ġodda jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sal-punt li jitqiesu rilevanti minn Stat Membru għall-fini tal-iskrinjar tal-investimenti barranin minħabba li joħolqu rabtiet diretti bejn investitur barrani u tali faċilitajiet jew tali impriżi. Barra minn hekk, bl-istabbiliment ta' faċilitajiet ġodda, investitur barrani jista' jkollu impatt fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku, inkluż meta dak ir-riskju jikkonċerna inputs ekonomiċi essenzjali. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu investimenti barranin ġodda fil-kamp ta' applikazzjoni tat-tranżazzjonijiet koperti mill-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom, b'mod partikolari meta tali investimenti jseħħu f'setturi rilevanti għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tagħhom jew meta jippreżentaw karatteristiċi bħad-daqs jew in-natura essenzjali li għandhom ikunu rilevanti għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tagħhom. |

Or. en

**Emenda 54**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Investimenti barranin f'żoni ġodda jseħħu meta l-investitur barrani jew is-sussidjarju ta' investitur barrani fl-Unjoni jistabbilixxi faċilitajiet ġodda jew impriża ġdida fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-investimenti barranin f'żoni ġodda jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sal-punt li jitqiesu rilevanti minn Stat Membru għall-fini tal-iskrinjar tal-investimenti barranin minħabba li joħolqu rabtiet dejjiema u diretti bejn investitur barrani u tali faċilitajiet jew tali impriżi. Barra minn | (17) Investimenti barranin f'żoni ġodda jseħħu meta l-investitur barrani jew is-sussidjarju ta' investitur barrani fl-Unjoni jistabbilixxi faċilitajiet ġodda jew impriża ġdida fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-investimenti barranin f'żoni ġodda jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sal-punt li jitqiesu rilevanti minn Stat Membru għall-fini tal-iskrinjar tal-investimenti barranin minħabba li joħolqu rabtiet dejjiema u diretti bejn investitur barrani u tali faċilitajiet jew tali impriżi. Barra minn |

| | |
|---|---|
| hekk, bl-istabbiliment ta' faċilitajiet ġodda, investitur barrani jista' jkollu impatt fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku, inkluż meta dak ir-riskju jikkonċerna inputs ekonomiċi essenzjali. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu investimenti barranin ġodda fil-kamp ta' applikazzjoni tat-tranżazzjonijiet koperti mill-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom, b'mod partikolari meta tali investimenti jseħħu f'setturi rilevanti għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tagħhom jew meta jippreżentaw karatteristiċi bħad-daqs jew in-natura essenzjali li għandhom ikunu rilevanti għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tagħhom. | hekk, bl-istabbiliment ta' faċilitajiet ġodda, investitur barrani jista' jkollu impatt fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku, inkluż meta dak ir-riskju jikkonċerna inputs ekonomiċi essenzjali. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu investimenti barranin ġodda fil-kamp ta' applikazzjoni tat-tranżazzjonijiet koperti mill-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom, b'mod partikolari meta tali investimenti jseħħu f'setturi rilevanti għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tagħhom jew meta jippreżentaw karatteristiċi bħad-daqs jew in-natura essenzjali li għandhom ikunu rilevanti għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tagħhom. ***L-inklużjoni ta' investimenti barranin f'żoni ġodda fil-proċedura ta' skrinjar tagħhom tibqa' l-prerogattiva tal-Istati Membri.*** |

Or. en

**Emenda 55**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Sabiex jiġi żgurat li l-investimenti barranin li x'aktarx jaffettwaw b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni jiġu identifikati b'mod adegwat, jenħtieġ li l-Istati Membri jiskrinjaw l-investimenti barranin meta l-entità fil-mira tal-Unjoni tkun parti minn jew tipparteċipa fi proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni jew meta l-attività ekonomika fil-mira tal-Unjoni tkun relatata ma' teknoloġija, assi, faċilità, tagħmir, network, sistema jew servizz ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni. Minbarra dawn il-kriterji, il-mekkaniżmi ta' skrinjar jistgħu japplikaw għal setturi, entitajiet fil-mira tal-Unjoni jew attivitajiet ekonomiċi | (20) Sabiex jiġi żgurat li l-investimenti barranin li x'aktarx jaffettwaw b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni ***f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE*** jiġu identifikati b'mod adegwat, jenħtieġ li l-Istati Membri jiskrinjaw l-investimenti barranin meta l-entità fil-mira tal-Unjoni tkun parti minn jew tipparteċipa fi proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni jew meta l-attività ekonomika fil-mira tal-Unjoni tkun relatata ma' teknoloġija, assi, faċilità, tagħmir, network, sistema jew servizz ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni. Minbarra dawn il-kriterji, il-mekkaniżmi ta' skrinjar jistgħu |

| | |
|---|---|
| oħra li l-Istat Membru rilevanti jqis kritiċi għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tiegħu. | japplikaw għal setturi, entitajiet fil-mira tal-Unjoni jew attivitajiet ekonomiċi oħra li l-Istat Membru rilevanti jqis kritiċi għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tiegħu. |

Or. es

**Emenda 56**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a) Sabiex jiġu pprovduti aktar ċarezza u salvagwardji kontra l-vulnerabbiltajiet għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku, fil-każ li t-tranżazzjoni tinvolvi investitur barrani marbut ma' pajjiż terz li bħalissa jitqies, taħt l-ambitu tal-Istrument Kontra l-Koerċizzjoni, li jfittex jew li jipprevjeni jew li jikseb il-waqfien, il-modifika jew l-adozzjoni ta' att partikolari mill-Unjoni jew minn Stat Membru, u b'hekk jinterferixxi fl-għażliet leġittimi tal-Unjoni jew Stat Membru, għandha tkun awtomatikament applikabbli determinazzjoni tal-impatt negattiv fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku mill-Istat Membru tal-iskrinjar.*** |

Or. en

**Emenda 57**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Sabiex jiġi żgurat li l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jiffoka biss fuq dawk l-investimenti barranin fejn il-karatteristiċi | (21) Sabiex jiġi żgurat li l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jiffoka biss fuq dawk l-investimenti barranin fejn il-karatteristiċi |

| | |
|---|---|
| tal-investitur barrani jew l-entità fil-mira tal-Unjoni ***probabbilment*** jagħmlu effett fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, ***huwa xieraq*** li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju għan-notifika tal-investimenti barranin li jkunu għaddejjin minn skrinjar fi Stat Membru lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni. Meta investiment barrani ma jissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet, l-Istat Membru fejn l-investiment barrani jkun qed jiġi skrinjat jista' jinnotifika l-investiment barrani lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, inkluż meta l-entità fil-mira tal-Unjoni jkollha operazzjonijiet sinifikanti fi Stati Membri oħra, jew tkun tappartjeni għal grupp korporattiv li jkollu diversi kumpaniji fi Stati Membri differenti. | tal-investitur barrani jew l-entità fil-mira tal-Unjoni jagħmlu effett fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku, ***għandhom*** jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju għan-notifika tal-investimenti barranin li jkunu għaddejjin minn skrinjar fi Stat Membru lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni. Meta investiment barrani ma jissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet, l-Istat Membru fejn l-investiment barrani jkun qed jiġi skrinjat jista' jinnotifika l-investiment barrani lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, inkluż meta l-entità fil-mira tal-Unjoni jkollha operazzjonijiet sinifikanti fi Stati Membri oħra, jew tkun tappartjeni għal grupp korporattiv li jkollu diversi kumpaniji fi Stati Membri differenti. |

Or. es

**Emenda 58**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Sabiex tiġi protetta s-sigurtà jew l-ordni pubbliku filwaqt li tiġi pprovduta ċertezza akbar lill-investituri, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jagħmlu kummenti ***u l-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà li toħroġ opinjoni*** dwar l-investimenti barranin li jkunu tlestew iżda li ma jkunux ġew innotifikati sa 15-il xahar wara t-tlestija tal-investiment barrani. | (26) Sabiex tiġi protetta s-sigurtà jew l-ordni pubbliku filwaqt li tiġi pprovduta ċertezza akbar lill-investituri, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jagħmlu kummenti dwar l-investimenti barranin li jkunu tlestew iżda li ma jkunux ġew innotifikati sa 15-il xahar wara t-tlestija tal-investiment barrani. |

Or. en

**Emenda 59**
**Engin Eroglu**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Għal aktar ċarezza, ***il-lista*** ta' proġetti jew programmi ta' interess tal-Unjoni jenħtieġ li tkun elenkata fl-Anness I. Dawn jenħtieġ li jinkludu kwalunkwe investiment barrani li jsir fuq in-networks trans-Ewropej tat-trasport, l-enerġija u l-komunikazzjoni, kif ukoll programmi li jipprovdu finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp għal attivitajiet rilevanti għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. Minħabba l-importanza ta' dawn il-proġetti u l-programmi għas-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiskrinjaw l-investimenti barranin f'impriżi tal-Unjoni li huma parti minn dawn il-proġetti jew programmi jew li jipparteċipaw fihom, inklużi dawk li jirċievu finanzjament mill-Unjoni. | (27) Għal aktar ċarezza, ***lista miftuħa mhux eżawrjenti*** ta' proġetti jew programmi ta' interess tal-Unjoni jenħtieġ li tkun elenkata fl-Anness I. Dawn jenħtieġ li jinkludu kwalunkwe investiment barrani li jsir fuq in-networks trans-Ewropej tat-trasport, l-enerġija u l-komunikazzjoni, kif ukoll programmi li jipprovdu finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp għal attivitajiet rilevanti għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. Minħabba l-importanza ta' dawn il-proġetti u l-programmi għas-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiskrinjaw l-investimenti barranin f'impriżi tal-Unjoni li huma parti minn dawn il-proġetti jew programmi jew li jipparteċipaw fihom, inklużi dawk li jirċievu finanzjament mill-Unjoni. |

Or. de

**Emenda 60**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Għal aktar ċarezza, il-lista ta' proġetti jew programmi ta' interess tal-Unjoni jenħtieġ li tkun elenkata fl-Anness I. Dawn jenħtieġ li jinkludu kwalunkwe investiment barrani li jsir fuq in-networks trans-Ewropej tat-trasport, l-enerġija u l-komunikazzjoni, kif ukoll programmi li jipprovdu finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp għal attivitajiet rilevanti għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. | (27) Għal aktar ċarezza, il-lista ta' proġetti jew programmi ta' interess tal-Unjoni jenħtieġ li tkun elenkata fl-Anness I. Dawn jenħtieġ li jinkludu kwalunkwe investiment barrani li jsir fuq in-networks trans-Ewropej tat-trasport, l-enerġija u l-komunikazzjoni, kif ukoll programmi li jipprovdu finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp għal attivitajiet rilevanti għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. |

| | |
|---|---|
| Minħabba l-importanza ta' dawn il-proġetti u l-programmi għas-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiskrinjaw l-investimenti barranin f'impriżi tal-Unjoni li huma parti minn dawn il-proġetti jew programmi jew li jipparteċipaw fihom, ***inklużi*** dawk li jirċievu finanzjament mill-Unjoni. | Minħabba l-importanza ta' dawn il-proġetti u l-programmi għas-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiskrinjaw l-investimenti barranin f'impriżi tal-Unjoni li huma parti minn dawn il-proġetti jew programmi jew li jipparteċipaw fihom, ***speċjalment*** dawk li jirċievu finanzjament mill-Unjoni. |

Or. en

**Emenda 61**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Għal aktar ċarezza, il-lista ta' proġetti jew programmi ta' interess tal-Unjoni jenħtieġ li tkun elenkata fl-Anness I. Dawn jenħtieġ li jinkludu kwalunkwe investiment barrani li jsir fuq in-networks trans-Ewropej tat-trasport, l-enerġija u l-komunikazzjoni, kif ukoll programmi li jipprovdu finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp għal attivitajiet rilevanti għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. Minħabba l-importanza ta' dawn il-proġetti u l-programmi għas-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiskrinjaw l-investimenti barranin f'impriżi tal-Unjoni li huma parti minn dawn il-proġetti jew programmi jew li jipparteċipaw fihom, inklużi dawk li jirċievu finanzjament mill-Unjoni. | (27) Għal aktar ċarezza, il-lista ta' proġetti jew programmi ta' interess tal-Unjoni jenħtieġ li tkun elenkata fl-Anness I. Dawn jenħtieġ li jinkludu kwalunkwe investiment barrani li jsir fuq in-networks trans-Ewropej tat-trasport, l-enerġija u l-komunikazzjoni, kif ukoll programmi li jipprovdu finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp għal attivitajiet rilevanti għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. Minħabba l-importanza ta' dawn il-proġetti u l-programmi għas-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiskrinjaw l-investimenti barranin f'impriżi tal-Unjoni li huma parti minn dawn il-proġetti jew programmi jew li jipparteċipaw fihom, inklużi dawk li jirċievu finanzjament mill-Unjoni. ***Minħabba l-ambitu wiesa' ta' ħafna proġetti Ewropej, u sabiex jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv, l-Istati Membri jistgħu jqisu li jimponu livell limitu għall-iskrinjar ta' proġetti tal-UE.*** |

Or. en

**Emenda 62**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (28) Sabiex jiġi żgurat li l-effett probabbli ta' investiment barrani fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' Stat Membru wieħed jew aktar jiġi indirizzat b'mod adegwat, l-Istati Membri li jirċievu kummenti debitament ġustifikati minn Stati Membri oħra jew opinjoni mill-Kummissjoni jenħtieġ li jagħtu l-akbar kunsiderazzjoni lil tali kummenti jew opinjoni, inkluż meta jqisu li s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tagħhom stess ma jkunux affettwati. L-Istat Membru jenħtieġ li jikkoordina mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri kkonċernati jekk ikun meħtieġ u jipprovdilhom feedback bil-miktub dwar id-deċiżjoni meħuda u kif il-kummenti u l-opinjoni jkunu ngħataw l-akbar kunsiderazzjoni. ***Id-Deċiżjoni finali dwar l-investimenti barranin jenħtieġ li tibqa' r-responsabbiltà unika tal-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta***. | (28) Sabiex jiġi żgurat li l-effett probabbli ta' investiment barrani fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' Stat Membru wieħed jew aktar jiġi indirizzat b'mod adegwat, l-Istati Membri li jirċievu kummenti debitament ġustifikati minn Stati Membri oħra jew opinjoni mill-Kummissjoni jenħtieġ li jagħtu l-akbar kunsiderazzjoni lil tali kummenti jew opinjoni, inkluż meta jqisu li s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tagħhom stess ma jkunux affettwati. L-Istat Membru jenħtieġ li jikkoordina mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri kkonċernati jekk ikun meħtieġ u jipprovdilhom feedback bil-miktub dwar id-deċiżjoni meħuda u kif il-kummenti u l-opinjoni jkunu ngħataw l-akbar kunsiderazzjoni. ***Jekk il-Kummissjoni tqis li l-opinjoni tagħha ma ngħatatx l-akbar kunsiderazzjoni, u li s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni jistgħu jiġu affettwati b'mod sinifikanti, hija tista' toħroġ opinjoni oħra li tistipula rakkomandazzjonijiet għall-indirizzar tar-riskji. Jenħtieġ li tali opinjonijiet ikollhom effett li jorbot***. |

Or. en

**Emenda 63**
**Enikő Győri**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (28) Sabiex jiġi żgurat li l-effett | (28) Sabiex jiġi żgurat li l-effett |

| | |
|---|---|
| probabbli ta' investiment barrani fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' Stat Membru wieħed jew aktar jiġi indirizzat b'mod adegwat, l-Istati Membri li jirċievu kummenti debitament ġustifikati minn Stati Membri oħra jew opinjoni mill-Kummissjoni jenħtieġ li jagħtu ***l-akbar*** kunsiderazzjoni lil tali kummenti jew opinjoni, inkluż meta jqisu li s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tagħhom stess ma jkunux affettwati. L-Istat Membru jenħtieġ li jikkoordina mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri kkonċernati jekk ikun meħtieġ u jipprovdilhom feedback bil-miktub dwar id-deċiżjoni meħuda ***u kif il-kummenti u l-opinjoni jkunu ngħataw l-akbar kunsiderazzjoni***. Id-Deċiżjoni finali dwar l-investimenti barranin jenħtieġ li tibqa' r-responsabbiltà unika tal-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta. | probabbli ta' investiment ***dirett*** barrani fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' Stat Membru wieħed jew aktar jiġi indirizzat b'mod adegwat, l-Istati Membri li jirċievu kummenti debitament ġustifikati minn Stati Membri oħra jew opinjoni mill-Kummissjoni jenħtieġ li jagħtu kunsiderazzjoni ***dovuta*** lil tali kummenti jew opinjoni, inkluż meta jqisu li s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tagħhom stess ma jkunux affettwati. L-Istat Membru jenħtieġ li jikkoordina mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri kkonċernati jekk ikun meħtieġ u jipprovdilhom feedback bil-miktub dwar id-deċiżjoni meħuda. Id-Deċiżjoni finali dwar l-investimenti barranin jenħtieġ li tibqa' r-responsabbiltà unika tal-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta. |

Or. en

**Emenda 64**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, huwa importanti li jkun meħtieġ li l-Istat Membru li jinnotifika l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jipprovdi livell minimu ta' informazzjoni f'format standardizzat. Fejn il-kooperazzjoni tikkonċerna investiment barrani mhux innotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, l-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta jenħtieġ li jkun jista' jipprovdi mill-inqas l-istess livell minimu ta' informazzjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu | (29) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, huwa importanti li jkun meħtieġ li l-Istat Membru li jinnotifika l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jipprovdi livell minimu ta' informazzjoni f'format standardizzat. Fejn il-kooperazzjoni tikkonċerna investiment barrani mhux innotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, l-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta jenħtieġ li jkun jista' jipprovdi mill-inqas l-istess livell minimu ta' informazzjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu |

| | |
|---|---|
| jitolbu informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru fejn l-investiment barrani jkun ippjanat jew tlesta. Tali talba għal informazzjoni addizzjonali jenħtieġ li tkun debitament ġustifikata, limitata għall-informazzjoni meħtieġa biex l-Istati Membri jipprovdu kummenti jew biex il-Kummissjoni toħroġ opinjoni, proporzjonata għall-fini tat-talba ***u mhux ta' piż bla bżonn għall-Istat Membru notifikanti***. | jitolbu informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru fejn l-investiment barrani jkun ippjanat jew tlesta. Tali talba għal informazzjoni addizzjonali jenħtieġ li tkun debitament ġustifikata, limitata għall-informazzjoni meħtieġa biex l-Istati Membri jipprovdu kummenti jew biex il-Kummissjoni toħroġ opinjoni, proporzjonata għall-fini tat-talba. |

Or. en

**Emenda 65**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Sabiex jiġi żgurat li l-kooperazzjoni tkun ibbażata fuq informazzjoni kompluta u preċiża, investitur barrani jew impriża jenħtieġ li jipprovdu kwalunkwe informazzjoni rilevanti mitluba mill-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti jew mill-Istat Membru fejn l-investiment barrani jkun ippjanat jew tlesta. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta, minkejja l-aħjar sforzi tiegħu, Stat Membru ma jkunx jista' jikseb informazzjoni mitluba minn Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni, jenħtieġ li jinnotifikahom mingħajr dewmien. ***F'każ bħal dan, kwalunkwe kumment maħruġ minn Stat Membru ieħor, jew kwalunkwe opinjoni maħruġa mill-Kummissjoni bħala parti mill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-informazzjoni disponibbli għalihom.*** | (30) Sabiex jiġi żgurat li l-kooperazzjoni tkun ibbażata fuq informazzjoni kompluta u preċiża, investitur barrani jew impriża jenħtieġ li jipprovdu kwalunkwe informazzjoni rilevanti mitluba mill-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti jew mill-Istat Membru fejn l-investiment barrani jkun ippjanat jew tlesta. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta, minkejja l-aħjar sforzi tiegħu, Stat Membru ma jkunx jista' jikseb informazzjoni mitluba minn Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni, jenħtieġ li jinnotifikahom mingħajr dewmien. |

Or. en

**Emenda 66**

**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) L-Istati Membri jew il-Kummissjoni, kif adatt, jistgħu jqisu informazzjoni rilevanti riċevuta minn operaturi ekonomiċi, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, sħab soċjali (bħal trade unions) dwar investiment barrani li x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. | (32) L-Istati Membri jew il-Kummissjoni, kif adatt, jistgħu jqisu informazzjoni rilevanti riċevuta minn operaturi ekonomiċi, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, sħab soċjali (bħal trade unions)***, il-media u l-akkademja*** dwar investiment barrani li x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. |

Or. en

**Emenda 67**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) L-Istati Membri jew il-Kummissjoni, kif adatt, jistgħu jqisu informazzjoni rilevanti ***riċevuta minn operaturi ekonomiċi, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, sħab soċjali (bħal trade unions)*** dwar investiment barrani li x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. | (32) L-Istati Membri jew il-Kummissjoni, kif adatt, jistgħu jqisu informazzjoni rilevanti ***fid-dominju pubbliku*** dwar investiment barrani li x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ***f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE***. |

Or. es

**Emenda 68**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (34) Sabiex jiġu żgurati l-effiċjenza u l-effettività tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, huwa meħtieġ li l-iskadenzi u l-proċeduri jiġu allinjati meta diversi investimenti barranin marbuta mal-istess tranżazzjoni usa' jiġu skrinjati f'diversi Stati Membri. F'tali tranżazzjonijiet multinazzjonali, l-applikant jenħtieġ li jippreżenta t-talbiet differenti għall-awtorizzazzjoni fl-Istati Membri kkonċernati simultanjament. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawk l-Istati Membri jinnotifikaw it-talbiet simultanjament lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. Sabiex jiġi żgurat trattament effiċjenti ta' dawn it-tranżazzjonijiet multinazzjonali, l-Istati Membri kkonċernati jenħiteġ li jikkoordinaw u jaqblu dwar jekk l-investimenti barranin humiex notifikabbli u meta jenħtieġ li jiġu nnotifikati. Barra minn hekk, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jikkoordinaw ukoll dwar id-deċiżjoni finali. Jekk l-Istati Membri kkonċernati jkollhom l-intenzjoni li jawtorizzaw l-investiment barrani b'kundizzjonijiet, jenħtieġ li jiżguraw li dawn il-kundizzjonijiet ikunu kompatibbli ma' xulxin u jindirizzaw ir-riskji transfruntiera b'mod adegwat. Qabel ma jipprojbixxu investiment barrani, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jikkunsidraw jekk awtorizzazzjoni kondizzjonali b'miżuri koordinati u l-infurzar koordinat tagħhom hijiex biżżejjed biex tindirizza l-effett probabbli fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tipparteċipa f'tali koordinazzjoni. | (34) Sabiex jiġu żgurati l-effiċjenza u l-effettività tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, huwa meħtieġ li l-iskadenzi, ***id-dokumentazzjoni meħtieġa*** u l-proċeduri jiġu allinjati meta diversi investimenti barranin marbuta mal-istess tranżazzjoni usa' jiġu skrinjati f'diversi Stati Membri. F'tali tranżazzjonijiet multinazzjonali, l-applikant jenħtieġ li jippreżenta t-talbiet differenti għall-awtorizzazzjoni fl-Istati Membri kkonċernati simultanjament. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawk l-Istati Membri jinnotifikaw it-talbiet simultanjament lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. Sabiex jiġi żgurat trattament effiċjenti ta' dawn it-tranżazzjonijiet multinazzjonali, l-Istati Membri kkonċernati jenħiteġ li jikkoordinaw u jaqblu dwar jekk l-investimenti barranin humiex notifikabbli u meta jenħtieġ li jiġu nnotifikati. Barra minn hekk, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jikkoordinaw ukoll dwar id-deċiżjoni finali. Jekk l-Istati Membri kkonċernati jkollhom l-intenzjoni li jawtorizzaw l-investiment barrani b'kundizzjonijiet, jenħtieġ li jiżguraw li dawn il-kundizzjonijiet ikunu kompatibbli ma' xulxin u jindirizzaw ir-riskji transfruntiera b'mod adegwat. Qabel ma jipprojbixxu investiment barrani, l-Istati Membri kkonċernati jenħtieġ li jikkunsidraw jekk awtorizzazzjoni kondizzjonali b'miżuri koordinati u l-infurzar koordinat tagħhom hijiex biżżejjed biex tindirizza l-effett probabbli fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku***, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE.*** Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tipparteċipa f'tali koordinazzjoni. |

Or. es

**Emenda 69**
**Kira Marie Peter-Hansen**

f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (35) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-iskrinjar tal-investimenti madwar l-Unjoni, huwa essenzjali li l-istandards u l-kriterji użati biex jiġu vvalutati r-riskji probabbli għas-sigurtà u l-ordni pubbliku jkunu dawk stabbiliti fil-livell tal-Unjoni f'dan ir-Regolament. Dawk jenħtieġ li jinkludu l-impatt fuq is-sigurtà, l-integrità u l-funzjonament tal-infrastruttura kritika, id-disponibbiltà ta' teknoloġiji kritiċi (inklużi teknoloġiji abilitanti essenzjali) u l-provvista kontinwa ta' inputs kritiċi għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku, li t-tfixkil, il-falliment, it-telf jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt sinifikanti fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku fi Stat Membru wieħed jew aktar jew fuq l-Unjoni kollha kemm hi. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jqisu wkoll il-kuntest u ċ-ċirkostanzi tal-investiment barrani. Dan jenħtieġ li jinkludi, b'mod partikolari, jekk investitur huwiex ikkontrollat direttament jew indirettament, pereżempju permezz ta' finanzjament sinifikanti, mill-gvern ta' pajjiż terz jew huwiex involut fl-ilħuq tal-objettivi ta' politika ta' pajjiżi terzi biex jiġu ffaċilitati l-kapaċitajiet militari tagħhom. F'dan il-kuntest, jekk applikabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jikkunsidraw ukoll għaliex l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju tiegħu jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tiegħu jew persuna li taġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' tali investitur barrani huma soġġetti għal kwalunkwe tip ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 215 tat-TFUE. | (35) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-iskrinjar tal-investimenti madwar l-Unjoni, huwa essenzjali li l-istandards u l-kriterji użati biex jiġu vvalutati r-riskji probabbli għas-sigurtà u l-ordni pubbliku jkunu dawk stabbiliti fil-livell tal-Unjoni f'dan ir-Regolament. Dawk jenħtieġ li jinkludu l-impatt fuq is-sigurtà, l-integrità u l-funzjonament tal-infrastruttura kritika, id-disponibbiltà ta' teknoloġiji kritiċi (inklużi teknoloġiji abilitanti essenzjali) u l-provvista kontinwa ta' inputs kritiċi għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku, li t-tfixkil, il-falliment, it-telf jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt sinifikanti fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku fi Stat Membru wieħed jew aktar jew fuq l-Unjoni kollha kemm hi. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jqisu wkoll il-kuntest u ċ-ċirkostanzi tal-investiment barrani ***u s-sitwazzjoni ġeopolitika***. Dan jenħtieġ li jinkludi, b'mod partikolari, jekk investitur huwiex ikkontrollat direttament jew indirettament, pereżempju permezz ta' finanzjament sinifikanti, mill-gvern ***jew minn individwu*** ta' pajjiż terz jew huwiex involut fl-ilħuq tal-objettivi ta' politika ta' pajjiżi terzi biex jiġu ffaċilitati l-kapaċitajiet militari tagħhom. F'dan il-kuntest, jekk applikabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jikkunsidraw ukoll għaliex l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju tiegħu jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tiegħu jew persuna li taġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' tali investitur barrani huma soġġetti għal kwalunkwe tip ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 215 tat-TFUE. |

Or. en

**Emenda 70**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (35) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-iskrinjar tal-investimenti madwar l-Unjoni, huwa essenzjali li l-istandards u l-kriterji użati biex jiġu vvalutati r-riskji probabbli għas-sigurtà u l-ordni pubbliku jkunu dawk stabbiliti fil-livell tal-Unjoni f'dan ir-Regolament. Dawk jenħtieġ li jinkludu l-impatt fuq is-sigurtà, l-integrità u l-funzjonament tal-infrastruttura kritika, id-disponibbiltà ta' teknoloġiji kritiċi (inklużi teknoloġiji abilitanti essenzjali) u l-provvista kontinwa ta' inputs kritiċi għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku, li t-tfixkil, il-falliment, it-telf jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt sinifikanti fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku fi Stat Membru wieħed jew aktar jew fuq l-Unjoni kollha kemm hi. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jqisu wkoll il-kuntest u ċ-ċirkostanzi tal-investiment barrani. Dan jenħtieġ li jinkludi, b'mod partikolari, jekk investitur huwiex ikkontrollat ***direttament jew indirettament***, pereżempju permezz ta' finanzjament sinifikanti, ***mill-gvern*** ta' pajjiż terz jew huwiex involut fl-ilħuq tal-objettivi ta' politika ta' pajjiżi terzi biex jiġu ffaċilitati l-kapaċitajiet militari tagħhom. F'dan il-kuntest, jekk applikabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jikkunsidraw ukoll għaliex l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju tiegħu jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tiegħu jew persuna li taġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' tali investitur barrani huma soġġetti għal kwalunkwe tip ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 215 tat-TFUE. | (35) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti għall-iskrinjar tal-investimenti madwar l-Unjoni, huwa essenzjali li l-istandards u l-kriterji użati biex jiġu vvalutati r-riskji probabbli għas-sigurtà u l-ordni pubbliku jkunu dawk stabbiliti fil-livell tal-Unjoni f'dan ir-Regolament. Dawk jenħtieġ li jinkludu l-impatt fuq is-sigurtà, l-integrità u l-funzjonament tal-infrastruttura kritika, id-disponibbiltà ta' teknoloġiji kritiċi (inklużi teknoloġiji abilitanti essenzjali) u l-provvista kontinwa ta' inputs kritiċi għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku, li t-tfixkil, il-falliment, it-telf jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt sinifikanti fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku fi Stat Membru wieħed jew aktar jew fuq l-Unjoni kollha kemm hi. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jqisu wkoll il-kuntest u ċ-ċirkostanzi tal-investiment barrani. Dan jenħtieġ li jinkludi, b'mod partikolari, jekk investitur huwiex ikkontrollat ***minn sid aħħari***, pereżempju permezz ta' finanzjament sinifikanti, ***li huwa l-gvern*** ta' pajjiż terz jew huwiex involut fl-ilħuq tal-objettivi ta' politika ta' pajjiżi terzi biex jiġu ffaċilitati l-kapaċitajiet militari tagħhom. F'dan il-kuntest, jekk applikabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jikkunsidraw ukoll għaliex l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju tiegħu jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tiegħu jew persuna li taġixxi f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' tali investitur barrani huma soġġetti għal kwalunkwe tip ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 215 tat-TFUE. |

Or. es

**Emenda 71**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36) Meta l-Istat Membru fejn ikun ippjanat jew tlesta l-investiment barrani jqis li investiment barrani x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni, huwa xieraq li dak l-Istat Membru jintalab jieħu miżuri xierqa biex itaffi r-riskji, fejn tali miżuri jkunu disponibbli, u jqis li dawn ikunu adegwati, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ il-kummenti maħruġa minn Stati Membri oħra u l-opinjoni maħruġa mill-Kummissjoni, jekk applikabbli. Jenħtieġ li l-investimenti barranin ikunu pprojbiti biss fuq bażi eċċezzjonali, u fejn il-miżuri ta' mitigazzjoni jew il-miżuri disponibbli skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali għajr il-mekkaniżmu ta' skrinjar ma jkunux biżżejjed biex itaffu l-effett fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. | (36) Meta l-Istat Membru fejn ikun ippjanat jew tlesta l-investiment barrani jqis li investiment barrani x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni ***f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE,*** huwa xieraq li dak l-Istat Membru jintalab jieħu miżuri xierqa biex itaffi r-riskji, fejn tali miżuri jkunu disponibbli, u jqis li dawn ikunu adegwati, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ il-kummenti maħruġa minn Stati Membri oħra u l-opinjoni maħruġa mill-Kummissjoni, jekk applikabbli. Jenħtieġ li l-investimenti barranin ikunu pprojbiti biss fuq bażi eċċezzjonali, u fejn il-miżuri ta' mitigazzjoni jew il-miżuri disponibbli skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali għajr il-mekkaniżmu ta' skrinjar ma jkunux biżżejjed biex itaffu l-effett fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. |

Or. es

**Emenda 72**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36) Meta l-Istat Membru fejn ikun ippjanat jew tlesta l-investiment barrani | (36) Meta l-Istat Membru fejn ikun ippjanat jew tlesta l-investiment barrani |

| | |
|---|---|
| jqis li investiment barrani x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni, huwa xieraq li dak l-Istat Membru jintalab jieħu miżuri xierqa biex itaffi r-riskji, fejn tali miżuri jkunu disponibbli, u jqis li dawn ikunu adegwati, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ il-kummenti maħruġa minn Stati Membri oħra u l-opinjoni maħruġa mill-Kummissjoni, jekk applikabbli. Jenħtieġ li l-investimenti barranin ikunu pprojbiti ***biss fuq bażi eċċezzjonali, u*** fejn il-miżuri ta' mitigazzjoni jew il-miżuri disponibbli skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali għajr il-mekkaniżmu ta' skrinjar ma jkunux biżżejjed biex itaffu l-effett fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. | jqis li investiment barrani x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fl-Unjoni, huwa xieraq li dak l-Istat Membru jintalab jieħu miżuri xierqa biex itaffi r-riskji, fejn tali miżuri jkunu disponibbli, u jqis li dawn ikunu adegwati, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ il-kummenti maħruġa minn Stati Membri oħra u l-opinjoni maħruġa mill-Kummissjoni, jekk applikabbli. Jenħtieġ li l-investimenti barranin ikunu pprojbiti fejn il-miżuri ta' mitigazzjoni jew il-miżuri disponibbli skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali għajr il-mekkaniżmu ta' skrinjar ma jkunux biżżejjed biex itaffu l-effett fuq is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. |

Or. en

**Emenda 73**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 40**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (40) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jiġu inkoraġġuti jikkooperaw mal-awtoritajiet responsabbli ta' pajjiżi terzi ***li huma tal-istess fehma*** dwar kwistjonijiet relatati mal-iskrinjar ta' investimenti barranin li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Tali kooperazzjoni amministrattiva jenħtieġ li jkollha l-għan li ssaħħaħ l-effettività tal-qafas għall-iskrinjar ta' investimenti barranin mill-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinżamm infurmata dwar tali kuntatti bilaterali sal-punt li jkunu relatati ma' kwistjonijiet sistemiċi relatati mal-iskrinjar tal-investiment. Jenħtieġ li jkun ukoll possibbli għall-Kummissjoni li | (40) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jiġu inkoraġġuti jikkooperaw mal-awtoritajiet responsabbli ta' pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet relatati mal-iskrinjar ta' investimenti barranin li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Tali kooperazzjoni amministrattiva jenħtieġ li jkollha l-għan li ssaħħaħ l-effettività tal-qafas għall-iskrinjar ta' investimenti barranin mill-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinżamm infurmata dwar tali kuntatti bilaterali sal-punt li jkunu relatati ma' kwistjonijiet sistemiċi relatati mal-iskrinjar tal-investiment. Jenħtieġ li jkun ukoll possibbli għall-Kummissjoni li timmonitorja l-iżviluppi fir-rigward tal- |

| | |
|---|---|
| timmonitorja l-iżviluppi fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' skrinjar f'pajjiżi terzi. | mekkaniżmi ta' skrinjar f'pajjiżi terzi. |

Or. es

**Emenda 74**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 41a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(41a) Il-proċeduri ta' skrinjar tal-investiment dirett barrani (IDB) u l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni jenħtieġ li ma jintużawx bħala mezz biex tinkiseb informazzjoni kunfidenzjali jew sensittiva għan-negozju jew għas-settur għall-benefiċċju ta' partijiet terzi jew biex jiddewmu l-proċeduri mingħajr bżonn.*** |

Or. en

**Emenda 75**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 44**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (44) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament ***5 snin*** wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull ***5 snin*** wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport jenħtieġ li jinkludi valutazzjoni ta' jekk dan ir-Regolament jeħtieġx jiġi emendat jew le. Fejn ir-rapport jipproponi l-emendar ta' dan ir-Regolament, huwa jista' jiġi akkumpanjat minn proposta leġislattiva. | (44) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament ***sentejn*** wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull ***sentejn*** wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport jenħtieġ li jinkludi valutazzjoni ta' jekk dan ir-Regolament jeħtieġx jiġi emendat jew le***, li jinkludi l-introduzzjoni ta' kriterji vinkolanti li jwasslu għad-determinazzjoni awtomatika ta' impatt negattiv fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku, u l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet skont*** |

| | |
|---|---|
| | ***liema l-Kummissjoni tista' tissospendi jew timblokka investiment barrani***. Fejn ir-rapport jipproponi l-emendar ta' dan ir-Regolament, huwa jista' jiġi akkumpanjat minn proposta leġislattiva. |

Or. en

**Emenda 76**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 44**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (44) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament ***5 snin*** wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull ***5*** snin wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport jenħtieġ li jinkludi valutazzjoni ta' jekk dan ir-Regolament jeħtieġx jiġi emendat jew le. Fejn ir-rapport jipproponi l-emendar ta' dan ir-Regolament, huwa jista' jiġi akkumpanjat minn proposta leġislattiva. | (44) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament ***sentejn*** wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull ***3*** snin wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport jenħtieġ li jinkludi valutazzjoni ta' jekk dan ir-Regolament jeħtieġx jiġi emendat jew le. Fejn ir-rapport jipproponi l-emendar ta' dan ir-Regolament, huwa jista' jiġi akkumpanjat minn proposta leġislattiva. |

Or. en

**Emenda 77**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 44a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(44a) Minħabba l-impatt drastiku li dan ir-Regolament għandu fuq in-negozji u l-gvernijiet Ewropej, jenħtieġ li valutazzjoni tal-impatt takkumpanja proposta leġiżlattiva għal dan ir-Regolament.*** |

Or. en

**Emenda 78**
**Stéphanie Yon-Courtin**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 49**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (49) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi relatati ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni u sabiex tiġi adattata l-lista ta' teknoloġiji, assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni***, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi għall-Annessi għal dan ir-Regolament***. Il-lista ta' proġetti u programmi ta' interess għall-Unjoni stabbilita fl-Anness I jenħtieġ li tkopri proġetti jew programmi koperti mid-dritt tal-UE li jipprevedu l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-akkwist ta' infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi jew inputs kritiċi li huma essenzjali għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Il-lista ta' teknoloġiji, assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness II jenħtieġ li tinkludi oqsma fejn investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed jew fl-Unjoni kollha kemm hi permezz ta' entità fil-mira tal-Unjoni, li ma tipparteċipax fi jew ma tirċevix fondi minn proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni. ***Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu*** | (49) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi relatati ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni u sabiex tiġi adattata l-lista ta' teknoloġiji, assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni. Il-lista ta' proġetti u programmi ta' interess għall-Unjoni stabbilita fl-Anness I jenħtieġ li tkopri proġetti jew programmi koperti mid-dritt tal-UE li jipprevedu l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-akkwist ta' infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi jew inputs kritiċi li huma essenzjali għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Il-lista ta' teknoloġiji, assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness II jenħtieġ li tinkludi oqsma fejn investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed jew fl-Unjoni kollha kemm hi permezz ta' entità fil-mira tal-Unjoni, li ma tipparteċipax fi jew ma tirċevix fondi minn proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni. ***Li kieku l-annessi jkollhom jiġu rieżaminati, il-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li tintroduċi proposta leġiżlattiva permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja***. |

***mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[16] . B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati***.

***[16] 16 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.***

Or. en

**Emenda 79**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 49**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (49) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi relatati ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni u sabiex tiġi adattata l-lista ta' teknoloġiji, assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni, ***is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi għall-Annessi għal dan*** ir-Regolament. Il-lista ta' proġetti u programmi ta' interess għall-Unjoni stabbilita fl-Anness I jenħtieġ li tkopri proġetti jew programmi koperti mid-dritt tal-UE li jipprevedu l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-akkwist ta' infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi jew inputs kritiċi li huma essenzjali għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Il-lista ta' teknoloġiji, assi, faċilitajiet, tagħmir, | (49) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi relatati ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni u sabiex tiġi adattata l-lista ta' teknoloġiji, assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni, ***il-lista ta' interess tal-Unjoni li tinsab fl-Anness I u II ta' dan*** ir-Regolament jenħtieġ li ***tiġi rieżaminata regolarment***. Il-lista ta' proġetti u programmi ta' interess għall-Unjoni stabbilita fl-Anness I jenħtieġ li tkopri proġetti jew programmi koperti mid-dritt tal-UE li jipprevedu l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-akkwist ta' infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi jew inputs kritiċi li huma essenzjali għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Il-lista ta' teknoloġiji, assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet |

networks, sistemi, servizzi u attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness II jenħtieġ li tinkludi oqsma fejn investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed jew fl-Unjoni kollha kemm hi permezz ta' entità fil-mira tal-Unjoni, li ma tipparteċipax fi jew ma tirċevix fondi minn proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[16]. ***B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.***

[16]ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness II jenħtieġ li tinkludi oqsma fejn investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed jew fl-Unjoni kollha kemm hi permezz ta' entità fil-mira tal-Unjoni, li ma tipparteċipax fi jew ma tirċevix fondi minn proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija ***tal-emendi leġiżlattivi għall-annessi***, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[16].

[16]ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Or. es

**Emenda 80**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 49**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (49) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi relatati ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni u sabiex tiġi adattata l-lista ta' teknoloġiji, assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet | (49) Sabiex jitqiesu l-iżviluppi relatati ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni u sabiex tiġi adattata l-lista ta' teknoloġiji, assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet |

ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi għall-Annessi għal dan ir-Regolament. Il-lista ta' proġetti u programmi ta' interess għall-Unjoni stabbilita fl-Anness I jenħtieġ li tkopri proġetti jew programmi koperti mid-dritt tal-UE li jipprevedu l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-akkwist ta' infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi jew inputs kritiċi li huma essenzjali għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku. Il-lista ta' teknoloġiji, assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness II jenħtieġ li tinkludi oqsma fejn investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed jew fl-Unjoni kollha kemm hi permezz ta' entità fil-mira tal-Unjoni, li ma tipparteċipax fi jew ma tirċevix fondi minn proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[16] . B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi għall-Annessi għal dan ir-Regolament. Il-lista ta' proġetti u programmi ta' interess għall-Unjoni stabbilita fl-Anness I jenħtieġ li tkopri proġetti jew programmi koperti mid-dritt tal-UE li jipprevedu l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-akkwist ta' infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi jew inputs kritiċi li huma essenzjali għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku***. Minħabba l-ambitu wiesa' ta' ħafna proġetti Ewropej, u biex jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv, l-Istati Membri jistgħu jqisu li jimponu livell limitu għall-iskrinjar ta' proġetti tal-UE***. Il-lista ta' teknoloġiji, assi, faċilitajiet, tagħmir, networks, sistemi, servizzi u attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness II jenħtieġ li tinkludi oqsma fejn investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'aktar minn Stat Membru wieħed jew fl-Unjoni kollha kemm hi permezz ta' entità fil-mira tal-Unjoni, li ma tipparteċipax fi jew ma tirċevix fondi minn proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[16] . B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-

tħejjija tal-atti delegati.

[16] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

[16] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Or. en

**Emenda 81**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 51**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (51) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 2019/452 jitħassar. Sabiex l-Istati Membri u l-entitajiet ikollhom biżżejjed żmien biex iħejju għall-implimentazzjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika minn [żid id-data: ***15-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. Fil-perjodu tranżitorju bejn id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2019/452 jenħtieġ li jkompli japplika, | (51) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 2019/452 jitħassar. Sabiex l-Istati Membri u l-entitajiet ikollhom biżżejjed żmien biex iħejju għall-implimentazzjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika minn [żid id-data: ***24*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. Fil-perjodu tranżitorju bejn id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2019/452 jenħtieġ li jkompli japplika, |

Or. en

**Emenda 82**
**Enikő Győri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas tal-Unjoni għall-iskrinjar, mill-Istati Membri, ta' investimenti barranin fit-territorju tagħhom, għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku. | 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas tal-Unjoni għall-iskrinjar, mill-Istati Membri, ta' investimenti ***diretti*** barranin fit-territorju tagħhom, għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku. |

Or. en

**Emenda 83**
**Enikő Győri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet nazzjonali ***f'oqsma mhux ikkoordinati minn*** dan ir-Regolament. | 3. L-Istati Membri jistgħu jadottaw***,*** ***jemendaw*** jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet nazzjonali ***għall-iskrinjar tal-investiment dirett barrani fit-territorju tagħhom abbażi tas-sigurtà jew l-ordni pubbliku f'konformità ma'*** dan ir-Regolament. ***L-ebda dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament ma għandha tillimita d-dritt ta' kull Stat Membru li jadotta, jemenda jew iżomm fis-seħħ dispożizzjonijiet nazzjonali li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi stabbiliti f'dan ir-Regolament.*** |

Or. en

**Emenda 84**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet nazzjonali f'oqsma mhux ikkoordinati minn dan ir-Regolament. | 3. L-Istati Membri jistgħu jadottaw jew iżommu fis-seħħ dispożizzjonijiet nazzjonali f'oqsma mhux ikkoordinati minn dan ir-Regolament***, dment li l-kontenut tagħhom ma jirrestrinġix il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***. |

Or. en

**Emenda 85**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "investiment barrani": investiment dirett barrani jew investiment fl-Unjoni taħt kontroll barrani, li jippermetti parteċipazzjoni effettiva fil-ġestjoni jew fil-kontroll ta' entità fil-mira tal-Unjoni; | (1) "investiment barrani": investiment dirett barrani jew investiment fl-Unjoni taħt kontroll barrani, li jippermetti parteċipazzjoni effettiva fil-ġestjoni jew fil-kontroll ta' entità fil-mira tal-Unjoni***, għajr għal dak magħmul minn kumpaniji li l-entitajiet ta' investiment dirett tagħhom huma maniġers Ewropej ta' fondi ta' investiment kollettivi kwalifikati***; |

Or. es

**Emenda 86**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "investiment dirett barrani" tfisser investiment ta' kwalunkwe tip minn investitur barrani li għandu l-għan li jistabbilixxi jew li jżomm rabtiet ***dejjiema u*** diretti bejn l-investitur barrani u entità fil-mira tal-Unjoni eżistenti jew li għad trid tiġi stabbilita, u li għalih l-investitur barrani jagħmel kapital disponibbli sabiex iwettaq attività ekonomika fi Stat Membru; | (2) "investiment dirett barrani" tfisser investiment ta' kwalunkwe tip minn investitur barrani li għandu l-għan li jistabbilixxi jew li jżomm rabtiet diretti bejn l-investitur barrani u entità fil-mira tal-Unjoni eżistenti jew li għad trid tiġi stabbilita, u li għalih l-investitur barrani jagħmel kapital disponibbli sabiex iwettaq attività ekonomika fi Stat Membru; |

Or. en

**Emenda 87**
**Enikő Győri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| ***(3) “investiment fl-Unjoni taħt kontroll barrani” tfisser investiment ta’ kwalunkwe tip imwettaq minn investitur barrani permezz tas-sussidjarja tal-investitur barrani fl-Unjoni, li għandu l-għan li jistabbilixxi jew iżomm rabtiet dejjiema u diretti bejn l-investitur barrani u entità fil-mira tal-Unjoni li teżisti jew li għandha tiġi stabbilita, u li għalih l-investitur barrani jagħmel kapital disponibbli sabiex iwettaq attività ekonomika fi Stat Membru;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 88**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) “investiment fl-Unjoni taħt kontroll barrani” tfisser investiment ta’ kwalunkwe tip imwettaq minn investitur barrani permezz tas-sussidjarja tal-investitur barrani fl-Unjoni, li għandu l-għan li jistabbilixxi jew iżomm rabtiet ***dejjiema u*** diretti bejn l-investitur barrani u entità fil-mira tal-Unjoni ***li teżisti jew li għandha tiġi stabbilita***, u li għalih l-investitur barrani jagħmel kapital disponibbli sabiex iwettaq attività ekonomika fi Stat Membru; | (3) “investiment fl-Unjoni taħt kontroll barrani” tfisser investiment ta’ kwalunkwe tip imwettaq minn investitur barrani permezz tas-sussidjarja tal-investitur barrani fl-Unjoni, li għandu l-għan li jistabbilixxi jew iżomm rabtiet diretti bejn l-investitur barrani u entità fil-mira tal-Unjoni, u li għalih l-investitur barrani jagħmel kapital disponibbli sabiex iwettaq attività ekonomika fi Stat Membru ***u, fi kwalunkwe każ, ikopri s-sitwazzjonijiet kollha li fihom jiġi akkwistat kontroll fuq is-sussidjarja ta’ investitur barrani kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, l-Artikolu 3, il-paragrafu 2***; |

Or. en

**Emenda 89**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(3a) "kontroll" tfisser sitwazzjoni kif stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, l-Artikolu 3, il-paragrafu 2;*** |

Or. en

**Emenda 90**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (7) "sussidjarja ta' investitur barrani fl-Unjoni": kumpanija ekonomikament attiva stabbilita skont il-liġijiet ta' Stat Membru li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013[18], u kkontrollata ***direttament jew indirettament*** minn ***investitur barrani***; | (7) "sussidjarja ta' investitur barrani fl-Unjoni": kumpanija ekonomikament attiva stabbilita skont il-liġijiet ta' Stat Membru li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013[18], u kkontrollata minn ***sid aħħari li jinsab barra mill-UE***; |
| [18] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE. (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj). | [18] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE. (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj). |

Or. es

**Emenda 91**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) "sussidjarja ta' investitur barrani fl-Unjoni" tfisser impriża ***ekonomikament attiva*** stabbilita skont il-liġijiet ta' Stat Membru li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013[18], u kkontrollata direttament jew indirettament minn investitur barrani; | (7) "sussidjarja ta' investitur barrani fl-Unjoni" tfisser impriża stabbilita skont il-liġijiet ta' Stat Membru ***irrispettivament mill-forma ġuridika tagħha*** li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013[18], u kkontrollata direttament jew indirettament minn investitur barrani; |
| __________________ | __________________ |
| [18] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' intrapriżi, li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19–76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj). | [18] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' intrapriżi, li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19–76, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/34/oj). |

Or. en

**Emenda 92**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) "Entità fil-mira tal-Unjoni" tfisser impriża stabbilita skont il-liġijiet ta' Stat Membru; | (8) "Entità fil-mira tal-Unjoni" tfisser impriża***, irrispettivament mill-forma ġuridika tagħha,*** stabbilita skont il-liġijiet ta' Stat Membru; |

Or. en

**Emenda 93**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) "maniġers Ewropej ta' fondi ta' investiment kollettivi kwalifikati" huma maniġers ta' fondi li jinsabu fl-UE li l-għan tagħhom huwa li jiġbru flimkien il-kapital ta' aktar minn investitur wieħed, inklużi investituri barranin, biex jiġġeneraw qligħ konġunt għal dawn l-investituri tal-fond. Barra minn hekk, għadhom ikunu jistgħu juru dejjem li ebda wieħed mill-investituri barranin ma jista' jinfluwenza d-deċiżjonijiet kummerċjali, u lanqas ma għandu aċċess dirett għal informazzjoni kunfidenzjali, inkluż id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew trasferimenti tat-teknoloġija, tal-kumpaniji li fihom il-fond ikun investa;*** |

Or. es

**Emenda 94**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) "pajjiż sanzjonat" tfisser ġuriżdizzjoni li attwalment qed tiġi ssanzjonata mill-Unjoni bħala sħiħa, jew individwalment mill-Istat Membru li jwettaq il-proċess ta' skrinjar;*** |

Or. en

**Emenda 95**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) "proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni" tfisser proġetti jew programmi koperti mid-dritt tal-Unjoni li jipprevedu l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-akkwist ta' infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi ***jew*** inputs kritiċi li huma essenzjali għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku u li huma elenkati fl-Anness I; | (18) "proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni" tfisser proġetti jew programmi koperti mid-dritt tal-Unjoni li jipprevedu l-iżvilupp, il-manutenzjoni jew l-akkwist ta' infrastruttura kritika, teknoloġiji kritiċi***,*** inputs kritiċi ***jew servizzi strateġiċi,*** li huma essenzjali għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku u li huma elenkati fl-Anness I; |

Or. en

**Emenda 96**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmu ta' skrinjar imsemmi fil-paragrafu 1 japplika mill-inqas għal investimenti soġġetti għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 4(4). | 2. L-Istati Membri għandhom ***mingħajr eċċezzjoni*** jiżguraw li l-mekkaniżmu ta' skrinjar imsemmi fil-paragrafu 1 japplika mill-inqas għal investimenti soġġetti għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 4(4). |

Or. en

**Emenda 97**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati skont il-paragrafu 1 mhux aktar tard minn [data: ***15-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. Wara dan, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe emenda għall-mekkaniżmu ta' skrinjar tagħhom fi żmien 30 jum mill-adozzjoni tal-emenda. | 3. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati skont il-paragrafu 1 mhux aktar tard minn [data: ***24*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. Wara dan, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe emenda għall-mekkaniżmu ta' skrinjar tagħhom fi żmien 30 jum mill-adozzjoni tal-emenda. |

Or. en

**Emenda 98**
**Lídia Pereira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati skont il-paragrafu 1 mhux aktar tard minn [data: ***15-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. Wara dan, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe emenda għall-mekkaniżmu ta' skrinjar tagħhom fi żmien 30 jum mill-adozzjoni tal-emenda. | 3. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati skont il-paragrafu 1 mhux aktar tard minn [data: ***12-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. Wara dan, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe emenda għall-mekkaniżmu ta' skrinjar tagħhom fi żmien 30 jum mill-adozzjoni tal-emenda. |

Or. en

**Emenda 99**
**Lídia Pereira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel | 4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel |

disponibbli għall-pubbliku lista tal-mekkaniżmi ta' skrinjar tal-Istati Membri mhux aktar tard minn 3 xhur wara li tkun irċeviet in-notifiki kollha msemmija fil-paragrafu 3 jew sa [data: ***21*** xahar wara d-dħul fis-seħħ], skont liema jseħħ l-ewwel. Il-Kummissjoni għandha żżomm dik il-lista aġġornata.

disponibbli għall-pubbliku lista tal-mekkaniżmi ta' skrinjar tal-Istati Membri mhux aktar tard minn 3 xhur wara li tkun irċeviet in-notifiki kollha msemmija fil-paragrafu 3 jew sa [data: ***18-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ], skont liema jseħħ l-ewwel. Il-Kummissjoni għandha żżomm dik il-lista aġġornata.

Or. en

**Emenda 100**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) għandhom jiġu previsti proċeduri adegwati għall-awtorità tal-iskrinjar biex tiddetermina jekk għandhiex ġuriżdizzjoni fuq investiment barrani ppreżentat għal awtorizzazzjoni u biex twettaq rieżami inizjali segwit minn, fejn meħtieġ, investigazzjoni fil-fond biex tiddetermina jekk dak l-investiment barrani huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. L-għan tal-investigazzjoni fil-fond għandu jkun, b'mod partikolari, li tiddetermina jekk deċiżjoni tal-iskrinjar kif imsemmi fl-Artikolu 14(1) hijiex xierqa u li tiddetermina l-kontenut tagħha. | (a) għandhom jiġu previsti proċeduri adegwati għall-awtorità tal-iskrinjar biex tiddetermina jekk għandhiex ġuriżdizzjoni fuq investiment barrani ppreżentat għal awtorizzazzjoni u biex twettaq rieżami inizjali segwit minn, fejn meħtieġ, investigazzjoni fil-fond biex tiddetermina jekk dak l-investiment barrani huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku***, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE***. L-għan tal-investigazzjoni fil-fond għandu jkun, b'mod partikolari, li tiddetermina jekk deċiżjoni tal-iskrinjar kif imsemmi fl-Artikolu 14(1) hijiex xierqa u li tiddetermina l-kontenut tagħha. |

Or. es

**Emenda 101**
**Lídia Pereira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) għandhom jiġu previsti proċeduri adegwati għall-awtorità tal-iskrinjar biex tiddetermina jekk għandhiex ġuriżdizzjoni fuq investiment barrani ppreżentat għal awtorizzazzjoni u biex twettaq rieżami inizjali segwit minn, fejn meħtieġ, investigazzjoni fil-fond biex tiddetermina jekk dak l-investiment barrani huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. L-għan tal-investigazzjoni fil-fond għandu jkun, b'mod partikolari, li tiddetermina jekk deċiżjoni tal-iskrinjar kif imsemmi fl-Artikolu 14(1) hijiex xierqa u li tiddetermina l-kontenut tagħha. | (a) għandhom jiġu previsti proċeduri adegwati għall-awtorità tal-iskrinjar biex tiddetermina jekk għandhiex ġuriżdizzjoni fuq investiment barrani ppreżentat għal awtorizzazzjoni u biex twettaq rieżami inizjali segwit minn, fejn meħtieġ, investigazzjoni fil-fond biex tiddetermina jekk dak l-investiment barrani huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. L-għan tal-investigazzjoni fil-fond għandu jkun, b'mod partikolari, li tiddetermina***, mingħajr dewmien żejjed,*** jekk deċiżjoni tal-iskrinjar kif imsemmi fl-Artikolu 14(1) hijiex xierqa u li tiddetermina l-kontenut tagħha. |

Or. en

**Emenda 102**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2– punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-awtorità tal-iskrinjar għandha timmonitorja u tiżgura l-konformità mal-mekkaniżmu tal-iskrinjar u mad-deċiżjonijiet tal-iskrinjar. B'mod partikolari, hija għandha tistabbilixxi proċeduri adegwati biex tidentifika u tipprevjeni ċ-ċirkomvenzjoni tal-mekkaniżmu tal-iskrinjar u tad-deċiżjonijiet tal-iskrinjar; | (b) l-awtorità tal-iskrinjar għandha timmonitorja u tiżgura l-konformità mal-mekkaniżmu tal-iskrinjar u mad-deċiżjonijiet tal-iskrinjar. B'mod partikolari, hija għandha tistabbilixxi proċeduri adegwati biex tidentifika u tipprevjeni ċ-ċirkomvenzjoni tal-mekkaniżmu tal-iskrinjar u tad-deċiżjonijiet tal-iskrinjar***. Tali proċedura tista' tinkludi wkoll mekkaniżmi li għandhom l-għan li jikkonsultaw lill-awtoritajiet reġjonali kkonċernati mill-investiment barrani***; |

Or. en

**Emenda 103**
**Lídia Pereira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-awtorità tal-iskrinjar għandha tingħata s-setgħa li tibda l-iskrinjar tal-investimenti barranin bl-inizjattiva tagħha stess għal mill-inqas ***15-il*** xahar wara t-tlestija ta' investiment barrani li ma jkunx soġġett għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni meta l-awtorità tal-iskrinjar ikollha raġunijiet biex tqis li l-investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku; | (c) l-awtorità tal-iskrinjar għandha tingħata s-setgħa li tibda l-iskrinjar tal-investimenti barranin bl-inizjattiva tagħha stess għal mill-inqas ***18-il*** xahar wara t-tlestija ta' investiment barrani li ma jkunx soġġett għal rekwiżit ta' awtorizzazzjoni meta l-awtorità tal-iskrinjar ikollha raġunijiet biex tqis li l-investiment barrani jista' jaffettwa s-sigurtà jew l-ordni pubbliku; |

Or. en

**Emenda 104**
**Martin Schirdewan**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) l-awtorità ta' skrinjar għandha tidentifika s-sidien benefiċjarji tal-investiment skrinjat. Hija għandha tistabbilixxi proċeduri adegwati għal dawn il-finijiet f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. L-awtorità tal-iskrinjar għandha tirrapporta lill-entitajiet rilevanti responsabbli mir-reġistri ċentrali stabbiliti skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2024/1640 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kwalunkwe diskrepanza li ssib bejn l-informazzjoni disponibbli fir-reġistri ċentrali u l-informazzjoni tas-sjieda benefiċjarja li tiġbor, jekk tali informazzjoni tkun taqa' fl-ambitu tar-reġistri.*** |

Or. en

**Emenda 105**
**Martin Schirdewan**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ib (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ib) l-awtorità tal-iskrinjar għandha tistabbilixxi proċeduri u kanali adegwati biex tirċievi u twettaq segwitu fuq talbiet għall-iskrinjar tal-investiment minn organizzazzjonijiet tal-impjegati li joperaw f'setturi affettwati minn investiment barrani. It-talba għandha tinkludi dikjarazzjoni tar-raġunijiet dwar jekk l-investiment huwiex probabbli li jkollu impatt negattiv fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku, filwaqt li jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13(3) u (4).*** |

Or. en

**Emenda 106**
**Lídia Pereira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Qabel ma jieħdu deċiżjoni li tawtorizza investiment barrani soġġett għal miżuri ta' mitigazzjoni jew li tipprojbixxi investiment barrani, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-applikant li jitlob awtorizzazzjoni u jiddikjaraw ir-raġunijiet li dwarhom beħsiebhom jieħdu d-deċiżjoni tagħhom, soġġett għall-protezzjoni ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-UE jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar u mingħajr preġudizzju | 3. Qabel ma jieħdu deċiżjoni li tawtorizza investiment barrani soġġett għal miżuri ta' mitigazzjoni jew li tipprojbixxi investiment barrani, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-applikant li jitlob awtorizzazzjoni ***mill-aktar fis possibbli*** u jiddikjaraw ir-raġunijiet li dwarhom beħsiebhom jieħdu d-deċiżjoni tagħhom, soġġett għall-protezzjoni ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-UE jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar u |

| | |
|---|---|
| għal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-investitur barrani l-opportunità li jesprimi l-fehmiet tiegħu qabel ma jieħu tali deċiżjoni. | mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-investitur barrani l-opportunità li jesprimi l-fehmiet tiegħu qabel ma jieħu tali deċiżjoni. |

Or. en

**Emenda 107**
**Enikő Győri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 4 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom jimponu rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għall-investimenti barranin fejn l-entità fil-mira tal-Unjoni tkun stabbilita fit-territorju tagħhom: | 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom jimponu rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għall-investimenti ***diretti*** barranin fejn l-entità fil-mira tal-Unjoni tkun stabbilita fit-territorju tagħhom ***hija ekonomikament attiva fl-iżvilupp, fil-produzzjoni jew fil-kummerċjalizzazzjoni ta'***: |

Or. en

**Emenda 108**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 4 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom jimponu rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għall-investimenti barranin fejn l-entità fil-mira tal-Unjoni tkun stabbilita fit-territorju tagħhom: | 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom jimponu rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għall-investimenti barranin fejn l-entità fil-mira tal-Unjoni ***hija stabbilita jew għandha*** tkun stabbilita fit-territorju tagħhom: |

Or. en

**Emenda 109**
**Enikő Győri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***tkun parti minn jew tipparteċipa f'wieħed mill-proġetti jew mill-programmi ta' interess għall-Unjoni*** elenkati fl-Anness I***, inkluż bħala riċevitur ta' fondi kif definit fl-Artikolu 2 (53)*** tar-Regolament ***2018/1046*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] ***, jew*** | (a) ***oġġetti*** elenkati fl-Anness I tar-Regolament ***(UE) 2021/821*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***(lista komuni ta' oġġetti b'użu doppju soġġetti għal kontrolli tal-esportazzjoni)***, |
| ***[19] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1-222, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj).*** | |

Or. en

**Emenda 110**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***(aa) Minħabba l-ambitu wiesa' ta' ħafna proġetti Ewropej, u biex jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv, l-Istati Membri jistgħu jqisu li jimponu livell limitu għall-iskrinjar ta' proġetti tal-UE elenkati fl-Anness I.*** |

Or. en

**Emenda 111**
**Enikő Győri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***tkun ekonomikament attiva f'waħda miż-żoni elenkati fl-Anness II***. | (b) ***tagħmir kopert mill-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/CFSP li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea)***. |

Or. en

**Emenda 112**
**Stéphanie Yon-Courtin**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika meta l-investiment isir permezz tal-applikazzjoni ta' għodda ta' riżoluzzjoni skont id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 648/2012, u (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew ir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*** |

Or. en

**Emenda 113**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) hija soġġetta għal tranżazzjoni li tinvolvi investitur barrani marbut ma' pajjiż identifikat fl-Anness I jew fl-Anness II tal-lista ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa;*** |

Or. en

**Emenda 114**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) hija soġġetta għal tranżazzjoni li tinvolvi investitur barrani marbut ma' pajjiż sanzjonat, fil-ħin tat-tranżazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 115**
**Martin Schirdewan**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-mekkaniżmi ta' skrinjar tagħhom jimponu rekwiżit ta' awtorizzazzjoni għal investimenti*** |

| | |
|---|---|
| | ***barranin fejn tali investimenti joriġinaw minn ġuriżdizzjonijiet lil hinn mill-kosta, ġuriżdizzjonijiet elenkati fil-lista tal-Unjoni ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa u ġuriżdizzjonijiet identifikati bħala pajjiżi terzi b'nuqqasijiet strateġiċi sinifikanti fir-reġimi AML/CFT nazzjonali tagħhom f'konformità mal-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*** |

Or. en

**Emenda 116**
**Martin Schirdewan**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 4a, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kriterji għall-identifikazzjoni ta' ġuriżdizzjonijiet lil hinn mill-kosta, filwaqt li jqisu l-grad ta' segretezza finanzjarja, in-nuqqas ta' skambju effettiv ta' informazzjoni, l-applikazzjoni ta' ebda rata tat-taxxa effettiva jew ta' rati tat-taxxa effettivi baxxi u n-nuqqas ta' rekwiżit għal attivitajiet sostanzjali.*** |

Or. en

**Emenda 117**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra permezz tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bi kwalunkwe investiment barrani f'entità fil-mira tal-Unjoni stabbilita fit-territorju tagħhom li: | 1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra permezz tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni bi kwalunkwe investiment barrani f'entità fil-mira tal-Unjoni stabbilita ***jew li għandha tiġi stabbilita*** fit-territorju tagħhom li: |

Or. en

**Emenda 118**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jirrispetta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(4) ***punt*** (a); jew | (a) jirrispetta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(4)***, il-punt*** (a)***, jew l-Artikolu 4(4), il-punt (ba), jew l-Artikolu 4(4), il-punt (bb)***; jew |

Or. en

**Emenda 119**
**Lídia Pereira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe investiment barrani f'entità fil-mira tal-Unjoni stabbilita fit-territorju tagħhom meta jibdew investigazzjoni fil-fond skont il-proċeduri ta' skrinjar tagħhom. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe investiment barrani f'entità fil-mira tal-Unjoni stabbilita fit-territorju tagħhom, f'każijiet | 2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw***, l-aktar kmieni possibbli,*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe investiment barrani f'entità fil-mira tal-Unjoni stabbilita fit-territorju tagħhom meta jibdew investigazzjoni fil-fond skont il-proċeduri ta' skrinjar tagħhom. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw***, l-aktar kmieni possibbli,*** lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe investiment barrani f'entità fil-mira tal-Unjoni |

eċċezzjonali, meta jkollhom l-intenzjoni li jimponu miżura ta' mitigazzjoni jew li jipprojbixxu t-tranżazzjoni mingħajr investigazzjoni fil-fond.

stabbilita fit-territorju tagħhom, f'każijiet eċċezzjonali, meta jkollhom l-intenzjoni li jimponu miżura ta' mitigazzjoni jew li jipprojbixxu t-tranżazzjoni mingħajr investigazzjoni fil-fond.

Or. en

**Emenda 120**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe investiment barrani f'entità fil-mira tal-Unjoni stabbilita fit-territorju tagħhom meta jibdew investigazzjoni fil-fond skont il-proċeduri ta' skrinjar tagħhom. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe investiment barrani f'entità fil-mira tal-Unjoni stabbilita fit-territorju tagħhom, f'każijiet eċċezzjonali, meta jkollhom l-intenzjoni li jimponu miżura ta' mitigazzjoni jew li jipprojbixxu t-tranżazzjoni mingħajr investigazzjoni fil-fond. | 2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe investiment barrani f'entità fil-mira tal-Unjoni stabbilita ***jew li għandha tiġi stabbilita*** fit-territorju tagħhom meta jibdew investigazzjoni fil-fond skont il-proċeduri ta' skrinjar tagħhom. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bi kwalunkwe investiment barrani f'entità fil-mira tal-Unjoni stabbilita ***jew li għandha tiġi stabbilita*** fit-territorju tagħhom, f'każijiet eċċezzjonali, meta jkollhom l-intenzjoni li jimponu miżura ta' mitigazzjoni jew li jipprojbixxu t-tranżazzjoni mingħajr investigazzjoni fil-fond. |

Or. en

**Emenda 121**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu jinnotifikaw kwalunkwe investiment barrani li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 jekk l-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-entità fil-mira tal-Unjoni jqis li investiment barrani jista' jkun ta' interess għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni minn perspettiva ta' sigurtà jew ordni pubbliku, inkluż fejn l-entità fil-mira tal-Unjoni jkollha operazzjonijiet sinifikanti fi Stati Membri oħra, jew tkun tappartjeni għal grupp korporattiv li għandu diversi kumpaniji fi Stati Membri differenti li huma ekonomikament attivi f'wieħed mill-oqsma elenkati fl-Anness II. | L-Istati Membri jistgħu jinnotifikaw kwalunkwe investiment barrani li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 jekk l-Istat Membru fejn tkun stabbilita ***jew li għandha tiġi stabbilita*** l-entità fil-mira tal-Unjoni jqis li investiment barrani jista' jkun ta' interess għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni minn perspettiva ta' sigurtà jew ordni pubbliku, inkluż fejn l-entità fil-mira tal-Unjoni jkollha operazzjonijiet sinifikanti fi Stati Membri oħra, jew tkun tappartjeni għal grupp korporattiv li għandu diversi kumpaniji fi Stati Membri differenti li huma ekonomikament attivi f'wieħed mill-oqsma elenkati fl-Anness II. |

Or. en

**Emenda 122**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) iqis li investiment barrani x'aktarx li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tiegħu; jew | (a) iqis li investiment barrani x'aktarx li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tiegħu jew tal-Unjoni***, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE***; jew |

Or. es

**Emenda 123**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni ***tista'*** toħroġ opinjoni debitament motivata indirizzata lill-Istat Membru notifikanti permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4). Il-Kummissjoni tista' toħroġ tali opinjoni jekk: | Il-Kummissjoni ***għandha*** toħroġ opinjoni debitament motivata indirizzata lill-Istat Membru notifikanti permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4). Il-Kummissjoni tista' toħroġ tali opinjoni jekk: |

Or. en

**Emenda 124**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) tqis li investiment barrani bħal dan x'aktarx li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' aktar minn Stat Membru wieħed; | (a) tqis li investiment barrani bħal dan x'aktarx li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku ta' aktar minn Stat Membru wieħed***, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE***; |

Or. es

**Emenda 125**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| jekk tqis li investiment dirett barrani bħal dan x'aktarx li jaffettwa b'mod negattiv proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku; | jekk tqis li investiment dirett barrani bħal dan x'aktarx li jaffettwa b'mod negattiv proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni għal raġunijiet ta' sigurtà jew ordni pubbliku***, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE***; |

Or. es

**Emenda 126**
**Enikő Győri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***3. Il-Kummissjoni tista' toħroġ opinjoni debitament motivata indirizzata lill-Istati Membri kollha jekk tqis li diversi investimenti barranin jew investimenti simili oħra li kieku kellhom isiru, meħuda flimkien, u b'kont meħud tal-karatteristiċi tagħhom jistgħu jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. Wara li tinħareġ opinjoni tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista', kif xieraq, tiddiskuti mal-Istati Membri kif għandhom jiġu indirizzati r-riskji identifikati.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 127**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. Il-Kummissjoni ***tista'*** toħroġ opinjoni debitament motivata indirizzata lill-Istati Membri kollha jekk tqis li ***diversi investimenti barranin*** jew investimenti simili ***oħra*** li kieku kellhom isiru, meħuda flimkien, u b'kont meħud tal-karatteristiċi tagħhom jistgħu jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. Wara li tinħareġ opinjoni tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni ***tista'***, kif xieraq, tiddiskuti mal-Istati Membri ***kif għandhom*** jiġu indirizzati r-riskji identifikati. | 3. Il-Kummissjoni ***għandha dejjem*** toħroġ opinjoni debitament motivata indirizzata ***lil Stat Membru, lil grupp ta' Stat Membri jew*** lill-Istati Membri kollha jekk tqis li ***investiment barrani*** jew ***diversi*** investimenti simili li kieku kellhom isiru, meħuda flimkien ***jew individwalment***, u b'kont meħud tal-karatteristiċi tagħhom jistgħu jaffettwaw is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni. Wara li tinħareġ opinjoni tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni ***għandha***, kif xieraq, tiddiskuti mal-Istati Membri ***l-azzjonijiet biex*** jiġu indirizzati r- |

| | |
|---|---|
| | riskji identifikati ***u għandha timmonitorja l-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet***. |

Or. en

**Emenda 128**
**Enikő Győri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 8 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) jipprovdi spjegazzjoni bil-miktub lill-Istati Membri rispettivi u lill-Kummissjoni permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) sa mhux aktar tard minn 7 ijiem kalendarji wara li tkun ġiet innotifikata d-deċiżjoni tal-iskrinjar skont il-paragrafu (a) dwar:*** | ***imħassar*** |
| ***(i) il-punt sa fejn ikun ta l-akbar kunsiderazzjoni għall-kummenti tal-Istati Membri jew l-opinjoni tal-Kummissjoni; jew*** | |
| ***(ii) ir-raġuni għan-nuqqas ta' qbil tiegħu mal-kummenti tal-Istati Membri jew mal-opinjoni tal-Kummissjoni.*** | |

Or. en

**Emenda 129**
**Enikő Győri**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***9. Meta l-Istati Membri jew il-Kummissjoni jindikaw li d-deċiżjoni tal-iskrinjar imsemmija fil-paragrafu 8, is-subparagrafu (a), ta' dan l-Artikolu ma tagħtix l-akbar kunsiderazzjoni għall-kummenti tagħhom ipprovduti skont il-*** | ***imħassar*** |

***paragrafu 1 jew l-opinjoni pprovduta skont il-paragrafu 2 jew 3, l-Istat Membru fejn l-investiment huwa ppjanat jew tlesta għandu jorganizza laqgħa biex jispjega l-ostakli li ltaqa' magħhom jew ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil u għandu jagħmel ħiltu biex jidentifika soluzzjonijiet, jekk tinqala' sitwazzjoni simili fil-futur. Meta d-deċiżjoni tal-iskrinjar tikkonċerna notifika multinazzjonali, l-Istati Membri l-oħra li nnotifikaw l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għandhom jiġu mistiedna wkoll. Il-Kummissjoni għandha tiġi mistiedna għal kwalunkwe laqgħa organizzata skont dan il-paragrafu.***

Or. en

**Emenda 130**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Meta l-Istati Membri jew il-Kummissjoni jindikaw li d-deċiżjoni tal-iskrinjar imsemmija fil-paragrafu 8, is-subparagrafu (a), ta' dan l-Artikolu ma tagħtix l-akbar kunsiderazzjoni għall-kummenti tagħhom ipprovduti skont il-paragrafu 1 jew l-opinjoni pprovduta skont il-paragrafu 2 jew 3, l-Istat Membru fejn l-investiment huwa ppjanat jew tlesta għandu jorganizza laqgħa biex jispjega l-ostakli li ltaqa' magħhom jew ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil u għandu jagħmel ħiltu biex jidentifika soluzzjonijiet, jekk tinqala' sitwazzjoni simili fil-futur. Meta d-deċiżjoni tal-iskrinjar tikkonċerna notifika multinazzjonali, l-Istati Membri l-oħra li nnotifikaw l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għandhom | 9. Meta l-Istati Membri jew il-Kummissjoni jindikaw li d-deċiżjoni tal-iskrinjar imsemmija fil-paragrafu 8, is-subparagrafu (a), ta' dan l-Artikolu ma tagħtix l-akbar kunsiderazzjoni għall-kummenti tagħhom ipprovduti skont il-paragrafu 1 jew l-opinjoni pprovduta skont il-paragrafu 2 jew 3, l-Istat Membru fejn l-investiment huwa ppjanat jew tlesta għandu jorganizza laqgħa biex jispjega l-ostakli li ltaqa' magħhom jew ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil u għandu jagħmel ħiltu biex jidentifika soluzzjonijiet, jekk tinqala' sitwazzjoni simili fil-futur. Meta d-deċiżjoni tal-iskrinjar tikkonċerna notifika multinazzjonali, l-Istati Membri l-oħra li nnotifikaw l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni għandhom |

| | |
|---|---|
| jiġu mistiedna wkoll. Il-Kummissjoni għandha tiġi mistiedna għal kwalunkwe laqgħa organizzata skont dan il-paragrafu. | jiġu mistiedna wkoll. Il-Kummissjoni għandha tiġi mistiedna għal kwalunkwe laqgħa organizzata skont dan il-paragrafu. ***Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li l-opinjonijiet tagħha għadhom ma ngħatawx l-akbar kunsiderazzjoni, u li s-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni jistgħu jiġu affettwati b'mod sinifikanti, hija tista' toħroġ opinjoni oħra b'rakkomandazzjonijiet dwar kif għandhom jiġu indirizzati r-riskji identifikati. Tali opinjoni għandu jkollha effett vinkolanti.*** |

Or. en

**Emenda 131**
**Lídia Pereira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) meta Stat Membru jirriżerva d-dritt tiegħu li jagħti kummenti dwar investiment barrani notifikat mingħajr ma jitlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru notifikanti, il-kummenti rispettivi għandhom jiġu indirizzati lill-Istat Membru notifikanti permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) sa mhux aktar tard minn ***35*** jum kalendarju wara l-wasla tan-notifika kompluta tal-investiment barrani; | (a) meta Stat Membru jirriżerva d-dritt tiegħu li jagħti kummenti dwar investiment barrani notifikat mingħajr ma jitlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru notifikanti, il-kummenti rispettivi għandhom jiġu indirizzati lill-Istat Membru notifikanti permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) sa mhux aktar tard minn ***30*** jum kalendarju wara l-wasla tan-notifika kompluta tal-investiment barrani; |

Or. en

**Emenda 132**
**Lídia Pereira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) meta Stat Membru jirriżerva d-dritt tiegħu li jagħti kummenti dwar investiment barrani notifikat u jitlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru notifikanti, il-kummenti rispettivi għandhom jiġu indirizzati lill-Istat Membru notifikanti permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) sa mhux aktar tard minn ***20*** jum kalendarju wara l-wasla tal-informazzjoni addizzjonali kompluta; | (c) meta Stat Membru jirriżerva d-dritt tiegħu li jagħti kummenti dwar investiment barrani notifikat u jitlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru notifikanti, il-kummenti rispettivi għandhom jiġu indirizzati lill-Istat Membru notifikanti permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) sa mhux aktar tard minn ***15-il*** jum kalendarju wara l-wasla tal-informazzjoni addizzjonali kompluta; |

Or. en

**Emenda 133**
**Lídia Pereira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***9. L-iskadenzi kollha stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom jiġu sospiżi bejn il-25 ta' Diċembru u l-1 ta' Jannar u għandhom jerġgħu jibdew fit-2 ta' Jannar.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 134**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Stat Membru li jqis li investiment barrani fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni x'aktarx li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni | 1. Stat Membru li jqis li investiment barrani fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni x'aktarx li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni |

pubbliku tiegħu, jista' jiftaħ proċedura fuq inizjattiva proprja fir-rigward ta' dak l-investiment barrani. Qabel il-ftuħ tal-proċedura, l-Istat Membru għandu jivverifika li l-Istat Membru fejn l-investiment huwa ppjanat jew tlesta ma għandux l-intenzjoni li jinnotifika l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.

pubbliku tiegħu***, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE,*** jista' jiftaħ proċedura fuq inizjattiva proprja fir-rigward ta' dak l-investiment barrani. Qabel il-ftuħ tal-proċedura, l-Istat Membru għandu jivverifika li l-Istat Membru fejn l-investiment huwa ppjanat jew tlesta ma għandux l-intenzjoni li jinnotifika l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.

Or. es

**Emenda 135**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Qabel ma jiftaħ il-proċedura fuq inizjattiva proprja, l-Istat Membru għandu jiddokumenta b'mod ċar ir-raġunijiet tar-riskji potenzjali. Dawn ir-riskji għandhom ikunu limitati għall-funzjonament xieraq tal-ordni pubbliku u s-sigurtà nazzjonali.*** |

Or. en

**Emenda 136**
**Lídia Pereira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jingħataw mill-inqas ***15-il*** xahar, wara li l-investiment barrani jkun tlesta, biex jeżerċitaw id-dritt li jiftħu l-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1, dment li sadanittant l-investiment barrani rispettiv | 2. L-Istati Membri għandhom jingħataw mill-inqas ***18-il*** xahar, wara li l-investiment barrani jkun tlesta, biex jeżerċitaw id-dritt li jiftħu l-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1, dment li sadanittant l-investiment barrani rispettiv |

| | |
|---|---|
| ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni. | ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni. |

Or. en

**Emenda 137**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Il-Kummissjoni tista’ tiftaħ proċedura fuq inizjattiva proprja meta tqis li investiment barrani fit-territorju ta’ Stat Membru li ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni jaqa’ taħt l-Artikolu 7(2). Qabel ma tiftaħ il-proċedura, il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-Istat Membru fejn l-investiment ikun ippjanat jew tlesta ma jkollux l-intenzjoni li jinnotifika l-investiment barrani lill-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 138**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Il-Kummissjoni għandha tingħata mill-inqas 15-il xahar, wara li l-investiment barrani jkun tlesta, biex teżerċita id-dritt li tiftaħ il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 3, dment li sadanittant l-investiment barrani rispettiv ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta’ kooperazzjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 139**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni għandha tingħata mill-inqas ***15-il*** xahar, wara li l-investiment barrani jkun tlesta, biex teżerċita ***id-dritt*** li tiftaħ il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 3, dment li sadanittant l-investiment barrani rispettiv ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. | 4. Il-Kummissjoni għandha tingħata mill-inqas ***30*** xahar, wara li l-investiment barrani jkun tlesta, biex teżerċita ***d-dritt*** li tiftaħ il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 3, dment li sadanittant l-investiment barrani rispettiv ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. |

Or. en

**Emenda 140**
**Lídia Pereira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni għandha tingħata mill-inqas ***15-il*** xahar, wara li l-investiment barrani jkun tlesta, biex teżerċita ***id-dritt*** li tiftaħ il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 3, dment li sadanittant l-investiment barrani rispettiv ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. | 4. Il-Kummissjoni għandha tingħata mill-inqas ***18-il*** xahar, wara li l-investiment barrani jkun tlesta, biex teżerċita ***d-dritt*** li tiftaħ il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 3, dment li sadanittant l-investiment barrani rispettiv ma jkunx ġie nnotifikat lill-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni. |

Or. en

**Emenda 141**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri ***jew il-Kummissjoni*** għandhom jiftħu l-proċedura fuq inizjattiva proprja stabbilita fil-paragrafi 1 u 3 rispettivament billi jibagħtu talba debitament motivata għal informazzjoni permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) lill-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta. Kwalunkwe talba għal informazzjoni skont dan il-paragrafu għandha tkun debitament ġustifikata, limitata għall-informazzjoni meħtieġa biex l-Istati Membri jipprovdu kummenti ***jew*** biex ***il-Kummissjoni tagħti*** opinjoni, proporzjonata għall-fini tat-talba u li ma tkunx ta' piż bla bżonn għall-Istat Membru notifikanti. Meta t-talba għall-informazzjoni tiġi ppreżentata minn Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jibgħat it-talba lill-Kummissjoni simultanjament. | 5. L-Istati Membri għandhom jiftħu l-proċedura fuq inizjattiva proprja stabbilita fil-paragrafi 1 u 3 rispettivament billi jibagħtu talba debitament motivata għal informazzjoni permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4) lill-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta. Kwalunkwe talba għal informazzjoni skont dan il-paragrafu għandha tkun debitament ġustifikata, limitata għall-informazzjoni meħtieġa biex l-Istati Membri jipprovdu kummenti biex ***jagħtu*** opinjoni, proporzjonata għall-fini tat-talba u li ma tkunx ta' piż bla bżonn għall-Istat Membru notifikanti. Meta t-talba għall-informazzjoni tiġi ppreżentata minn Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jibgħat it-talba lill-Kummissjoni simultanjament. |

Or. en

**Emenda 142**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-Istat Membru fejn l-investiment huwa ppjanat jew tlesta għandu jipprovdi l-informazzjoni kompluta mitluba mill-Istati Membri l-oħra ***jew mill-Kummissjoni*** skont il-paragrafu 5 mingħajr dewmien żejjed permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4). Meta l-Istat Membru notifikanti jipprovdi informazzjoni addizzjonali lil Stat Membru, tali informazzjoni addizzjonali għandha tintbagħat lill-Kummissjoni | 6. L-Istat Membru fejn l-investiment huwa ppjanat jew tlesta għandu jipprovdi l-informazzjoni kompluta mitluba mill-Istati Membri l-oħra skont il-paragrafu 5 mingħajr dewmien żejjed permezz tas-sistema sigura u kriptata msemmija fl-Artikolu 12(4). Meta l-Istat Membru notifikanti jipprovdi informazzjoni addizzjonali lil Stat Membru, tali informazzjoni addizzjonali għandha tintbagħat lill-Kummissjoni |

| | |
|---|---|
| simultanjament. | simultanjament. |

Or. en

**Emenda 143**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 7 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Wara li tasal l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu kummenti ***u l-Kummissjoni tista' tipprovdi opinjoni*** lill-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta. Ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 7 u 8 għandhom japplikaw mutatis mutandis, soġġetti għall-modifiki li ġejjin: | 7. Wara li tasal l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu kummenti lill-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta. Ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 7 u 8 għandhom japplikaw mutatis mutandis, soġġetti għall-modifiki li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 144**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 7 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-kummenti mill-Istati Membri ***jew l-opinjoni mill-Kummissjoni*** għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn 35 jum kalendarju wara li tasal l-informazzjoni kompluta mitluba skont il-paragrafu 5. | (a) il-kummenti mill-Istati Membri għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn 35 jum kalendarju wara li tasal l-informazzjoni kompluta mitluba skont il-paragrafu 5. |

Or. en

**Emenda 145**
**Lídia Pereira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 7 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-kummenti mill-Istati Membri jew l-opinjoni mill-Kummissjoni għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn ***35*** jum kalendarju wara li tasal l-informazzjoni kompluta mitluba skont il-paragrafu 5. | (a) il-kummenti mill-Istati Membri jew l-opinjoni mill-Kummissjoni għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn ***30*** jum kalendarju wara li tasal l-informazzjoni kompluta mitluba skont il-paragrafu 5. |

Or. en

**Emenda 146**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 7– punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) għall-proċeduri mibdija skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandu jkollha 15-il jum kalendarju addizzjonali biex tagħti opinjoni wara li tkun għaddiet l-iskadenza għall-Istat Membru stabbilita fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 147**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Jekk ma tingħata l-ebda informazzjoni jew inkella informazzjoni mhux kompluta, kwalunkwe kumment mogħti minn Stat Membru jew kwalunkwe opinjoni mogħtija mill-Kummissjoni tista' tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli lilhom.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 148**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw, għall-finijiet tat-teħid ta' deċiżjoni tal-iskrinjar skont l-Artikolu 14, jew il-ħruġ ta' kumment debitament ***motivat*** skont l-Artikolu 7(1) jew l-Artikolu 9(7), jekk investiment barrani huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. | 1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw, għall-finijiet tat-teħid ta' deċiżjoni tal-iskrinjar skont l-Artikolu 14, jew il-ħruġ ta' kumment debitament ***ġustifikat*** skont l-Artikolu 7(1) jew l-Artikolu 9(7), jekk investiment barrani huwiex probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. |

Or. es

**Emenda 149**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina, għall-fini li tagħti opinjoni debitament motivata skont l-Artikolu 7(2) jew (3) jew l-Artikolu 9(7), jekk tqisx li investiment barrani ***ikunx*** probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku. | 2. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina, għall-fini li tagħti opinjoni debitament motivata skont l-Artikolu 7(2) jew (3) jew l-Artikolu 9(7), jekk tqisx li investiment barrani ***jkunx*** probabbli li jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku***, mingħajr ma timmina l-ħtieġa li tinżamm sistema miftuħa u li tilqa' l-investimenti fl-Unjoni, f'konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni u mal-impenji internazzjonali;*** |

Or. es

**Emenda 150**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) is-sitwazzjoni ġeopolitika;*** |

Or. en

**Emenda 151**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) il-kapaċità ta' Stat Membru jew tal-Unjoni li jakkwistaw jew iżommu tagħmir jew sistemi li huma meħtieġa għal skopijiet ta' difiża;*** |

Or. en

**Emenda 152**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt cb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb) l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, meqjusa permezz tas-sehem mis-suq li jkollhom investituri mhux barranin tas-settur speċifiku;*** |

Or. en

**Emenda 153**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) il-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva, inkluża data personali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità tal-investitur barrani li jaċċessa, jikkontrolla, u b'xi mod ieħor jipproċessa tali data personali; ***jew*** | (d) il-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva, inkluża data personali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità tal-investitur barrani li jaċċessa, jikkontrolla, u b'xi mod ieħor jipproċessa tali data personali; |

Or. en

**Emenda 154**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) il-libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni, inklużi l-pjattaformi online li jistgħu jintużaw għal diżinformazzjoni fuq skala kbira jew għal attivitajiet kriminali**.** | (e) il-libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi tal-komunikazzjoni, ***l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-valuri demokratiċi*** inklużi l-pjattaformi online li jistgħu jintużaw għal diżinformazzjoni fuq skala kbira jew għal attivitajiet kriminali |

Or. en

**Emenda 155**
**Martin Schirdewan**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) il-libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi | (e) il-libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi |

| | |
|---|---|
| tal-komunikazzjoni, inklużi l-pjattaformi online li jistgħu jintużaw għal diżinformazzjoni fuq skala kbira jew għal attivitajiet kriminali. | tal-komunikazzjoni***, l-edukazzjoni u l-akkademja***, inklużi l-pjattaformi online li jistgħu jintużaw għal diżinformazzjoni fuq skala kbira jew għal attivitajiet kriminali. |

Or. en

**Emenda 156**
**Martin Schirdewan**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) id-disponibbiltà ta' infrastruttura adegwata u affordabbli inkluża l-akkomodazzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 157**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) il-kontinwità tas-servizzi pubbliċi bħall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, jew*** |

Or. en

**Emenda 158**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3 – punt eb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(eb) il-protezzjoni tal-istabbiltà finanzjarja u ekonomika tal-Unjoni.*** |

Or. en

**Emenda 159**
**Martin Schirdewan**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jekk l-investitur barrani jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tiegħu kinux involuti f'attivitajiet illegali jew kriminali, inkluża ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 215 TFUE; | (d) jekk l-investitur barrani***, persuna fiżika jew entità li tikkontrolla l-investitur barrani, is-sid benefiċjarju jew l-investitur barrani,*** jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tiegħu kinux involuti f'attivitajiet illegali jew kriminali, inkluża ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 215 TFUE***, jew fi prattiki dwar it-taxxa mhux kooperattivi jew dannużi***; |

Or. en

**Emenda 160**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jekk l-investitur barrani jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tiegħu kinux involuti f'attivitajiet illegali jew kriminali, inkluża ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 215 TFUE; | (d) jekk l-investitur barrani jew kwalunkwe waħda mis-sussidjarji tiegħu kinux involuti f'attivitajiet illegali jew kriminali, inkluża ċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni skont l-Artikolu 215 TFUE***, l-evażjoni tat-taxxa u l-ħasil tal-flus***; |

Or. en

**Emenda 161**
**Martin Schirdewan**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) jekk l-investitur barrani jew xi waħda mis-sussidjarji tal-investitur barrani ma jirrispettawx l-istandards tax-xogħol u ambjentali ewlenin fl-operazzjonijiet domestiċi jew barranin tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 162**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jekk investitur barrani jkun marbut ma' pajjiż terz li jitqies, taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament 2023/2675, li jfittex li jipprevjeni jew li jikseb il-waqfien, il-modifika jew l-adozzjoni ta' att partikolari mill-Unjoni jew minn Stat Membru, u b'hekk jinterferixxi fl-għażliet leġittimi sovrani tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, għandha tapplika determinazzjoni awtomatika tal-impatt negattiv fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku.*** |

Or. en

**Emenda 163**

**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta, b'kont meħud tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13, u fejn applikabbli, fid-dawl tal-kummenti pprovduti minn Stati Membri oħra skont l-Artikolu 7(1) jew l-Artikolu 9(7), jew opinjoni pprovduta mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(2) jew (3) jew l-Artikolu 9(7), l-Istat Membru li fih l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta jikkonkludi li l-investiment barrani x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fi Stat Membru wieħed jew aktar, inkluż fejn ikun ikkonċernat proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni, huwa għandu joħroġ deċiżjoni tal-iskrinjar biex: | Meta, b'kont meħud tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13, u fejn applikabbli, fid-dawl tal-kummenti pprovduti minn Stati Membri oħra skont l-Artikolu 7(1) jew l-Artikolu 9(7), jew opinjoni pprovduta mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(2) jew (3) jew l-Artikolu 9(7), l-Istat Membru li fih l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta jikkonkludi li l-investiment barrani x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv is-sigurtà jew l-ordni pubbliku fi Stat Membru wieħed jew aktar ***jew fl-Unjoni***, inkluż fejn ikun ikkonċernat proġett jew programm ta' interess għall-Unjoni, huwa għandu joħroġ deċiżjoni tal-iskrinjar biex: |

Or. en

**Emenda 164**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-deċiżjoni tal-iskrinjar għandha tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità u tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-investiment barrani. | Id-deċiżjoni tal-iskrinjar għandha tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità u tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-investiment barrani***, kif ukoll mal-ħtieġa li tinżamm sistema miftuħa għall-investiment fl-Unjoni***. |

Or. es

**Emenda 165**
**Lídia Pereira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Id-deċiżjoni tal-iskrinjar trid tkun f'waqtha u tiġi kkomunikata b'mod ċar lill-investitur barrani, filwaqt li tiggarantixxi l-possibbiltà li jitfittex rimedju ġudizzjarju kontra dik id-deċiżjoni tal-skrinjar.*** |

Or. en

**Emenda 166**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta l-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta jqis li miżuri oħra skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali huma disponibbli u xierqa biex jindirizzaw l-effett tal-investiment barrani fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku, l-investiment barrani għandu jiġi awtorizzat ***mingħajr kundizzjonijiet***. | 2. Meta l-Istat Membru fejn l-investiment barrani huwa ppjanat jew tlesta jqis li miżuri oħra skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali huma disponibbli u xierqa biex jindirizzaw l-effett tal-investiment barrani fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku, l-investiment barrani għandu jiġi awtorizzat. |

Or. en

**Emenda 167**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Meta l-investiment barrani ma*** |

| | |
|---|---|
| | ***jikkonformax mal-miżuri ta' mitigazzjoni previsti f'deċiżjoni tal-iskrinjar, l-Istat Membru jista', mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji jew kriminali oħra previsti mil-liġi nazzjonali tiegħu:*** |
| | ***(a) jirtira l-awtorizzazzjoni mogħtija lil investiment barrani;*** |
| | ***(b) iżid miżuri ta' mitigazzjoni addizzjonali;*** |
| | ***(c) jimponi sanzjoni finanzjarja;*** |
| | ***(d) jimponi pagament perjodiku ta' penali sakemm ikun hemm konformità mal-miżuri ta' mitigazzjoni.*** |
| | ***Meta l-Istat Membru li fih l-investiment barrani jkun ippjanat jew tlesta jiddeċiedi li jirtira awtorizzazzjoni ta' investiment minħabba nuqqas ta' konformità mal-miżuri ta' mitigazzjoni, jew li jimponi sanzjonijiet li għandhom l-għan li jinfurzaw il-miżuri ta' mitigazzjoni speċifikati f'konformità ma' dan il-paragrafu, huwa għandu jinnotifika lill-Istati Membri li ppreżentaw osservazzjonijiet dwar dan l-investiment barrani f'perjodu ta' żmien raġonevoli.*** |

Or. en

**Emenda 168**
**Martin Schirdewan**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 14a*** |
| | ***Projbizzjoni tal-investiment bi skambju għaċ-ċittadinanza jew għad-drittijiet ta' residenza*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu kull tip ta' investiment, bħal trasferimenti kapitali, xiri jew kiri ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***proprjetà, investiment f'bonds sovrani, investiment f'entitajiet korporattivi jew arranġamenti legali oħra, donazzjoni jew dotazzjoni ta' attività li tikkontribwixxi għall-ġid pubbliku u kontribuzzjonijiet għall-baġit tal-Istat, jekk ikun se jsir bi skambju għal ċittadinanza jew għal drittijiet ta' residenza.*** |

Or. en

**Emenda 169**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) il-punt sa fejn l-Istat Membru jkun ikkonsulta mal-awtoritajiet reġjonali (bil-kompetenzi legali rispettivi) ikkonċernati minn deċiżjoni tal-iskrinjar;*** |

Or. en

**Emenda 170**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament 5 snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull 5 snin wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti f'dan l-eżerċizzju*,* u ***jekk ikun meħtieġ*** jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni addizzjonali għat-tħejjija ta' dak ir-rapport. | 1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament 5 snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull 5 snin wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti f'dan l-eżerċizzju u***, inkluż dwar il-punt sa fejn l-Istati Membri jkunu involvew l-entitajiet reġjonali bil-kompetenzi legali rispettivi fl-iskrinjar,*** jipprovdu lill-Kummissjoni |

b'informazzjoni addizzjonali għat-tħejjija ta' dak ir-rapport.

Or. en

**Emenda 171**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament ***5 snin*** wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull ***5 snin*** wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti f'dan l-eżerċizzju, u jekk ikun meħtieġ jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni addizzjonali għat-tħejjija ta' dak ir-rapport. | 1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament ***sentejn*** wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull ***sentejn*** wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti f'dan l-eżerċizzju, u jekk ikun meħtieġ jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni addizzjonali għat-tħejjija ta' dak ir-rapport. |
| | ***L-evalwazzjoni għandha, b'mod partikolari iżda mhux esklużivament, tevalwa l-istabbiliment ta' kriterji għal:*** |

Or. en

**Emenda 172**
**Lídia Pereira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament ***5 snin*** wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull ***5 snin*** wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti f'dan l-eżerċizzju, u jekk ikun meħtieġ jipprovdu | 1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament ***sentejn*** wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull ***sentejn*** wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti f'dan l-eżerċizzju, u jekk ikun meħtieġ jipprovdu |

| | |
|---|---|
| lill-Kummissjoni b'informazzjoni addizzjonali għat-tħejjija ta' dak ir-rapport. | lill-Kummissjoni b'informazzjoni addizzjonali għat-tħejjija ta' dak ir-rapport. |

Or. en

**Emenda 173**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament ***5 snin*** wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull ***5*** snin wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti f'dan l-eżerċizzju, u jekk ikun meħtieġ jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni addizzjonali għat-tħejjija ta' dak ir-rapport. | 1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament ***sentejn*** wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull ***3*** snin wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti f'dan l-eżerċizzju, u jekk ikun meħtieġ jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni addizzjonali għat-tħejjija ta' dak ir-rapport. |

Or. en

**Emenda 174**
**Stéphanie Yon-Courtin**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament ***5 snin*** wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull 5 snin wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti f'dan l-eżerċizzju, u jekk ikun meħtieġ jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni addizzjonali għat-tħejjija ta' dak ir-rapport. | 1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-funzjonament u l-effettività ta' dan ir-Regolament ***sentejn*** wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull 5 snin wara dan u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-Istati Membri għandhom ikunu involuti f'dan l-eżerċizzju, u jekk ikun meħtieġ jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni addizzjonali għat-tħejjija ta' dak ir-rapport. |

Or. en

**Emenda 175**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt i (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(i) il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa b'mod formali li tissospendi jew timblokka direttament investiment barrani;*** |

Or. en

**Emenda 176**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt ii (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ii) determinazzjoni awtomatika tal-impatt negattiv fuq is-sigurtà u l-ordni pubbliku;*** |

Or. en

**Emenda 177**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt iii (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iii) l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għas-sikurezza u għar-reżiljenza tal-provvisti tal-ikel u tal-ilma, inkluża l-art agrikola;*** |

Or. en

**Emenda 178**
**Lídia Pereira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Meta ir-rapport mill-Kummissjoni jirrakkomanda emendi għal dan ir-Regolament, huwa jista' jkun akkumpanjat bi proposta leġiżlattiva.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 179**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta ***ir-rapport*** mill-Kummissjoni jirrakkomanda emendi għal dan ir-Regolament, huwa jista' jkun akkumpanjat bi proposta leġiżlattiva. | 2. Meta ***r-rapport*** mill-Kummissjoni jirrakkomanda emendi għal dan ir-Regolament, huwa jista' jkun akkumpanjat bi proposta leġiżlattiva***, appoġġata minn valutazzjoni tal-impatt***. |

Or. en

**Emenda 180**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 19*** | ***imħassar*** |
| ***Atti delegati*** | |

***1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 għall-finijiet tal-emendar, fejn meħtieġ, tal-lista ta' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni stabbilita fl-Anness I sabiex titqies l-adozzjoni u l-emenda tad-dritt tal-Unjoni relatat ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni rilevanti għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku.***

***2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 għall-finijiet tal-emendar, fejn meħtieġ, tal-lista tat-teknoloġiji, l-assi, il-faċilitajiet, it-tagħmir, in-networks, is-sistemi, is-servizzi u l-attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness II sabiex jitqiesu l-bidliet fiċ-ċirkostanzi rilevanti għall-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni. B'mod partikolari, dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom jinkludu dan li ġej:***

***(a) ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista ta' importanza partikolari għall-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni;***

***(b) ir-reżiljenza tal-infrastrutturi ta' importanza partikolari għall-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni;***

***(c) l-avvanz ta' teknoloġiji ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-ordni pubbliku tal-Unjoni;***

***(d) l-emerġenza ta' vulnerabbiltajiet fir-rigward tal-aċċess għal informazzjoni sensittiva jew għal forom oħra ta' pproċessar ta' tali informazzjoni, inkluża data personali sal-punt li x'aktarx dawn il-vulnerabbiltajiet jaffettwaw b'mod negattiv l-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni; u***

***(e) l-emerġenza ta' sitwazzjoni ġeopolitika ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni.***

Or. es

**Emenda 181**
**Stéphanie Yon-Courtin**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 19*** | ***imħassar*** |
| ***Atti delegati*** | |
| ***1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 għall-finijiet tal-emendar, fejn meħtieġ, tal-lista ta' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni stabbilita fl-Anness I sabiex titqies l-adozzjoni u l-emenda tad-dritt tal-Unjoni relatat ma' proġetti jew programmi ta' interess għall-Unjoni rilevanti għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku.*** | |
| ***2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 għall-finijiet tal-emendar, fejn meħtieġ, tal-lista tat-teknoloġiji, l-assi, il-faċilitajiet, it-tagħmir, in-networks, is-sistemi, is-servizzi u l-attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni stabbiliti fl-Anness II sabiex jitqiesu l-bidliet fiċ-ċirkostanzi rilevanti għall-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni. B'mod partikolari, dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom jinkludu dan li ġej:*** | |
| ***(a) ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista ta' importanza partikolari għall-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni;*** | |
| ***(b) ir-reżiljenza tal-infrastrutturi ta' importanza partikolari għall-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni;*** | |
| ***(c) l-avvanz ta' teknoloġiji ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-ordni*** | |

***pubbliku tal-Unjoni;***

***(d) l-emerġenza ta' vulnerabbiltajiet fir-rigward tal-aċċess għal informazzjoni sensittiva jew għal forom oħra ta' pproċessar ta' tali informazzjoni, inkluża data personali sal-punt li x'aktarx dawn il-vulnerabbiltajiet jaffettwaw b'mod negattiv l-interessi tas-sigurtà jew tal-ordni pubbliku tal-Unjoni; u***

***(e) l-emerġenza ta' sitwazzjoni ġeopolitika ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni.***

Or. en

**Emenda 182**
**Stéphanie Yon-Courtin**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 20*** | ***imħassar*** |
| ***Eżerċizzju tad-delegazzjoni*** | |
| ***1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** | |
| ***2. Is-setgħa li tadotta atti delegati għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv bażiku].*** | |
| ***3. Id-delega tas-setgħa tista' tiġi revokata f'kull mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att*** | |

| | |
|---|---|
| ***delegat li jkun diġà fis-seħħ.*** | |
| ***4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.*** | |
| ***5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** | |
| ***6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*** | |

Or. en

**Emenda 183**
**Fernando Navarrete Rojas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 20*** | ***imħassar*** |
| ***Eżerċizzju tad-delegazzjoni*** | |
| ***1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** | |
| ***2. Is-setgħa li tadotta atti delegati għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-*** | |

***data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv bażiku].***

***3. Id-delega tas-setgħa tista' tiġi revokata f'kull mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun diġà fis-seħħ.***

***4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.***

***5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

***6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.***

Or. es

**Emenda 184**
**Lídia Pereira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-Regolament (UE) 2019/452 jitħassar b'effett minn [data: ***15-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. | Ir-Regolament (UE) 2019/452 jitħassar b'effett minn [data: ***12-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. |

Or. en

**Emenda 185**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-Regolament (UE) 2019/452 jitħassar b'effett minn [data: ***15-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. | Ir-Regolament (UE) 2019/452 jitħassar b'effett minn [data: ***12-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. |

Or. en

**Emenda 186**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 23 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-Regolament (UE) 2019/452 jitħassar b'effett minn [data: ***15-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. | Ir-Regolament (UE) 2019/452 jitħassar b'effett minn [data: ***24*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. |

Or. en

**Emenda 187**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għandu japplika minn [data: ***15-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. | Għandu japplika minn [data: ***12-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. |

Or. en

**Emenda 188**
**Lídia Pereira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għandu japplika minn [data: ***15-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. | Għandu japplika minn [data: ***12-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. |

Or. en

**Emenda 189**
**Johan Van Overtveldt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għandu japplika minn [data: ***15-il*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. | Għandu japplika minn [data: ***24*** xahar wara d-dħul fis-seħħ]. |

Or. en

**Emenda 190**
**Bruno Gonçalves**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 8a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Att Ewropew dwar il-Materja*** |

| | |
|---|---|
| | ***Prima Kritika*** |
| | ***Ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas biex tiġi żgurata provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020 (ĠU L, 2024/1252, 3.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj)*** |

Or. en

**Emenda 191**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 20a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Il-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP, European Defence Industry Programme)*** |
| | ***Ir-Regolament UE ( ) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ( ) li jimplimenta miżuri konkreti identifikati fl-Istrateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIS, European Defence Industrial Strategy).*** |

Or. en

**Emenda 192**
**Engin Eroglu**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 20a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***20a. L-Att dwar il-Materja Prima Kritika[2a]*** |
| | ***[2a] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L_202401252*** |

Or. de

**Emenda 193**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Anness II – subintestatura 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Lista tat-teknoloġiji, l-assi, il-faċilitajiet, it-tagħmir, in-networks, is-sistemi, is-servizzi u l-attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni | Lista tat-teknoloġiji***, l-infrastruttura***, l-assi, il-faċilitajiet, it-tagħmir, in-networks, is-sistemi, is-servizzi u l-attivitajiet ekonomiċi ta' importanza partikolari għas-sigurtà jew għall-interessi tal-ordni pubbliku tal-Unjoni |

Or. en

**Emenda 194**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt e – inċiż 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***Teknoloġiji operazzjonali għall-modi tat-trasport kollha, bħal sinjalar għall-ferroviji, sistemi tal-ġestjoni tat-traffiku u teknoloġiji relatati mas-sikurezza*** |

Or. en

**Emenda 195**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) Infrastruttura u teknoloġiji tat-trasport:*** |
| | ***- Ajruporti internazzjonali, u portijiet tal-baħar*** |
| | ***- Binarji ferrovjarji, passaġġi fuq l-ilma interni, rotot tat-tbaħħir qosra u toroq li jgħaqqdu n-nodi urbani, portijiet marittimi u interni, ajruporti u terminals li jinsabu fl-ambitu ġeografiku tar-Regolament (UE) 2024/1679*** |
| | ***- Infrastruttura ferrovjarja u teknoloġiji relatati*** |
| | ***- Teknoloġiji ta' propulsjoni elettrika*** |
| | ***- Infrastruttura tar-riforniment, inkluża infrastruttura tal-iċċarġjar elettriku*** |

Or. en

**Emenda 196**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt g – inċiż 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – Komunikazzjonijiet siguri inkluża l-konnettività f'Orbita Dinjija Baxxa (LEO, Low Earth Orbit) | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* |

Or. en

**Emenda 197**

**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Anness II – parti 3 – punt h – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| h. It-teknoloġiji tal-enerġija: | h. It-teknoloġiji tal-enerġija ***u l-infrastruttura***: |

Or. en

**Emenda 198**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt h – inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – Teknoloġiji ta' fużjoni nukleari, reatturi u ġenerazzjoni tal-enerġija, teknoloġiji ta' konverżjoni radjoloġika/arrikkiment/riċiklaġġ | – ***Impjanti tal-enerġija nukleari,*** teknoloġiji ta' fużjoni nukleari, reatturi u ġenerazzjoni tal-enerġija, teknoloġiji ta' konverżjoni radjoloġika/arrikkiment/riċiklaġġ***, ħżin nukleari u rimi ta' skart radjuattiv;*** |

Or. en

**Emenda 199**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt h – inċiż 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– Operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni (TSOs, Transmission System Operators)*** |

Or. en

**Emenda 200**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt h – inċiż 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – Teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inklużi l-fotovoltajċi | – Teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, inklużi l-fotovoltajċi ***u turbini eoliċi*** |

Or. en

**Emenda 201**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt a – inċiż 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – Grilji u ħżin tal-enerġija intelliġenti, batteriji | – ***Grilji elettriċi Ewropej u transfruntieri, inklużi*** grilji u ħżin tal-enerġija intelliġenti, batteriji |

Or. en

**Emenda 202**
**Kira Marie Peter-Hansen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 3 – punt g – inċiż 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | – ***kejbils tal-baħar, infrastruttura tal-enerġija transfruntiera oħra*** |

Or. en

**Emenda 203**
**Markus Ferber**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-entitajiet u l-attivitajiet kritiċi li ġejjin fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni: kontropartijiet ċentrali[2] ***,*** sistemi ta' pagament u istituzzjonijiet ta' pagament[3] ***,*** istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi[4] ***,*** operaturi tas-suq u ditti ta' investiment li joperaw faċilità ta' kummerċ multilaterali jew faċilità ta' kummerċ organizzat[5] ***,*** depożitarji ċentrali ta' titoli[6] ***,*** emittenti ***sinifikanti*** ta' tokens referenzjati għall-assi jew tokens tal-flus elettroniċi u fornituri ta' servizz ta' kripto-assi li joperaw pjattaformi ta' kummerċ għal kripto-assi[7] ***,*** istituzzjonijiet kbar[8] ***,*** fornituri globali ta' servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati ***u*** fornituri ta' servizzi ta' partijiet terzi kritiċi nominati tal-ICT[9] . | 5. L-entitajiet u l-attivitajiet kritiċi li ġejjin fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni: |
| | ***a)*** kontropartijiet ċentrali ***jew CCPs kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012***[2]***;*** |
| | ***b)*** sistemi ta' pagament u istituzzjonijiet ta' pagament ***kif definiti fl-Artikolu 4, il-punti (7) u (4) rispettivament tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[3] ***;*** |
| | ***c)*** istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi ***kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tad-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[4] ***;*** |
| | ***d)*** operaturi tas-suq ***kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt (18), tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[5] u ditti ta' investiment li joperaw faċilità ta' kummerċ multilaterali jew faċilità ta' kummerċ organizzat***;*** |
| | ***e)*** depożitorji ċentrali ta' titoli ***kif definiti fl-Artikolu 2(1), il-punt (1), tar-*** |

***Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] ;***

***f)*** emittenti ta' tokens referenzjati għall-assi ***sinifikanti*** jew tokens tal-flus elettroniċi ***sinifikanti*** u fornituri ta' servizz ***ta' kripto-assi*** li joperaw pjattaformi ta' kummerċ għal kripto-assi ***kif definiti fl-Artikolu 3(1), il-punti (10), (6), (7), (15) u (18) rispettivament tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] ;***

***g)*** istituzzjonijiet kbar ***kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt (146), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] ;***

***h)*** fornituri globali ta' servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati***,*** fornituri ta' servizzi ta' partijiet terzi kritiċi nominati tal-ICT ***kif definiti fl-Artikolu 3, il-punt (23), tar-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9] ;***

***i) sistemi ta' pagament sistemikament importanti skont deċiżjoni tal-BĊE bbażata fuq l-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 795/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew[9a];***

***j) impriżi tal-assigurazzjoni u impriżi tar-riassigurazzjoni kif definiti fl-Artikolu 13, il-punti (1) u (4), tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9b] b'introjtu mill-primjum gross miktub li jaqbeż EUR 25 000 000 000 bħala medja fit-3 snin kalendarji qabel is-sena li fiha l-investiment barrani ġie nnotifikat;***

---

[2] ***L-Artikolu 2(1) tar-Regolament*** (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj.

[3] ***L-Artikolu 4(7) u l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva*** (UE) 2015/2366 tal-Parlament

---

[2] ***Ir-Regolament*** (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p.1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj.***)***

[3] ***Id-Direttiva*** (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta'

Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2366/oj .

[4] ***L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva*** 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p.7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/110/oj.

[5] ***L-Artikolu 4(1)(18) tad-Direttiva*** 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj.

[6] ***L-Artikolu 2(1)(1) tar-Regolament*** (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012, (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/909/oj.

[7] ***L-Artikoli 3(1)(6), 3(1)(7) u 3(1)(10), 3(1)(15) u l-Artikolu 3(1)(18) tar-Regolament*** (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p.40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj.

Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/2366/oj ***.)***

[4] ***Id-Direttiva*** 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p.7, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/110/oj.***)***

[5] ***Id-Direttiva*** 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj.***)***

[6] ***Ir-Regolament*** (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012, (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/909/oj.***)***

[7] ***Ir-Regolament*** (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p.40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj.***)***

| | |
|---|---|
| [8] ***L-Artikolu 4(1)(146) tar-Regolament*** (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj. | [8] ***Ir-Regolament*** (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj.***)*** |
| [9] ***L-Artikolu 3(23) tar-Regolament*** (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2554/oj. | [9] ***Ir-Regolament*** (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2554/oj.***)*** |
| | [9a] ***Ir-Regolament tal-Bank Ċentrali Ewropew (UE) Nru 795/2014 tat-3 ta' Lulju 2014 dwar ir-rekwiżiti ta' sorveljanza għal sistemi ta' ħlas sistemikament importanti (ĠU L 217, 23.7.2014, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/795/oj).*** |
| | [9b] ***Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/138/oj).*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Emenda editorjali fit-test tal-emenda 26 mill-abbozz ta' rapport: - il-kelma "annwali" tiżdied fil-punt (j) għal finijiet ta' ċarezza, - "u" tiżdied fil-punt (j) fir-referenza għall-Artikolu 13.*

**Emenda 204**
**Martin Schirdewan**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Entitajiet kritiċi identifikati skont id-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*** |

Or. en

**Emenda 205**
**Gunnar Beck, Nicolaus Fest**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Istituzzjonijiet tal-istampa li jistgħu jinfluwenzaw l-opinjoni pubblika fuq skala akbar.*** |

Or. de

**Emenda 206**
**Gunnar Beck, Nicolaus Fest**

**Proposta għal regolament**
**Anness II – punt 5b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Oġġetti, networks u operaturi ta' servizzi pubbliċi.*** |

Or. de